

FTEHIM

dwar l-adozzjoni ta' Regolamenti tekniċi armonizzati tan-Nazzjonijiet Uniti għall-vetturi bir-roti, it-tagħmir u l-partijiet li jistgħu jintramaw u/jew jintużaw fuq vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija abbażi ta' dawn ir-Regolamenti tan-Nazzjonijiet Uniti ⁽¹⁾

Reviżjoni 3**PREAMBOLU**

IL-PARTIJET KONTRAENTI,

WARA LI DDEĊIDEW li jemendaw il-Ftehim Dwar l-Adozzjoni ta' Kundizzjonijiet Uniformi ta' Approvazzjoni u Rikonoxximent Reċiproku għal Tagħmir u Partijiet ta' Vetturi bil-Mutur, magħmul f'Ġinevra fl-20 ta' Marzu 1958, kif emendat fis-16 ta' Ottubru 1995, u

XEWQANA li jnaqqsu l-ostakli tekniċi għall-kummerċ internazzjonali billi jiddefinixxu Regolamenti tekniċi armonizzati tan-NU hekk li jkun biżżejjed għal ċerti vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jissodisfawhom sabiex jiġu użati fil-pajjiżi jew reġjuni tagħhom,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-importanza tas-sikurezza, tal-ħarsien tal-ambjent, tal-effiċjenza enerġetika u tal-prestazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni mis-serq ta' vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwāhħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti, għall-iżvilupp ta' regolamenti li jkunu teknikament u ekonomikament fattibbli u adattati għall-progress tekniku,

XEWQANA li japplikaw dawn ir-Regolamenti tan-NU kull meta jkun possibbli fil-pajjiżi u r-reġjuni tagħhom,

XEWQANA li jiffaċilitaw l-aċċettazzjoni fil-pajjiżi tagħhom ta' vetturi, tagħmir u partijiet, meta jkunu approvati skont dawn ir-Regolamenti tan-NU mill-awtoritajiet kompetenti ta' Parti Kontraenti oħra,

XEWQANA li jstabbilixxu skema tal-Approvazzjoni tat-Tip Internazzjonali ta' Vettura Sħiħa (IWVTA) fi ħdan il-qafas tal-Ftehim biex jiżiedu l-vantaġġi tar-Regolamenti individwali tan-NU annessi mal-Ftehim u b'hekk jinħolqu opportunitajiet biex jissimplifikaw l-implimentazzjoni mill-Partijiet Kontraenti u l-adozzjoni usa' ta' rikonoxximent reċiproku ta' approvazzjonijiet tat-tip għal vetturi sħaħ, u,

XEWQANA biex iżidu n-numru ta' Partijiet Kontraenti għall-Ftehim, billi jittejbu l-funzjonament u l-affidabbiltà tiegħu, u b'hekk jiġi żgurat li dan il-Ftehim jibqa' l-qafas internazzjonali ewlieni għall-armonizzazzjoni tar-regolamenti tekniċi fis-settur tal-karozzi,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jstabbilixxu, permezz ta' Kumitat Amministrattiv magħmul mill-Partijiet Kontraenti kollha skont ir-regoli ta' proċedura stabbilita fl-appendiċi ta' dan il-Ftehim u abbażi tal-Artikoli u l-paragrafi li ġejjin, ir-Regolamenti tan-NU għal vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwāhħlu u/jew jiġu użati fuq vetturi bir-roti. Il-kundizzjonijiet sabiex jiġu mogħtija l-approvazzjonijiet tat-tip u r-rikonoxximent reċiproku tagħhom ser jiġu inklużi għall-użu mill-Partijiet Kontraenti li jagħżlu li jimplimentaw ir-Regolamenti permezz tal-approvazzjoni tat-tip.

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

Il-frażi "vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet" għandha tinkludi kull vettura bir-roti, tagħmir u partijiet li l-karatteristiċi tagħhom huma relatati mas-sikurezza tal-vettura, il-ħarsien tal-ambjent, l-iffrankar enerġetiku u l-prestazzjoni tat-teknoloġija ta' protezzjoni mis-serq;

⁽¹⁾ Titli preċedenti tal-Ftehim:

Ftehim li jikkonċerna l-Adozzjoni ta' Kundizzjonijiet Uniformi ta' Approvazzjoni u Rikonoxximent Reċiproku ta' Approvazzjoni għal Tagħmir u Partijiet ta' Vetturi bil-Mutur, magħmul f'Ġinevra fl-20 ta' Marzu 1958 (il-verżjoni oriġinali);
Ftehim dwar l-Adozzjoni ta' Dispożizzjonijiet Tekniċi Uniformi għal Vetturi bir-Roti, Tagħmir u Partijiet li jistgħu Jitwāhħlu u/jew ikunu Użati fuq Vetturi u l-Kundizzjonijiet għall-Għarfien Reċiproku tal-Approvazzjonijiet Mogħtija Abbażi ta' dawn id-Dispożizzjonijiet, magħmul f'Ġinevra fil-5 ta' Ottubru 1995 (ir-Reviżjoni 2).

Il-frażi “approvazzjoni tat-tip skont Regolament tan-NU” tindika proċedura amministrattiva li permezz tagħha l-awtoritajiet tal-approvazzjoni ta' Parti Kontraenti jiddikjaraw, wara li jkunu għamlu l-verifiki neċessarji li t-tip ta' vettura, tagħmir jew parti sottomessi mill-manifattur jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU inkonsiderazzjoni. Wara dan il-manifattur jiċċertifika li kull vettura, tagħmir jew partijiet mqiegħda fis-suq ġew manifatturati b'mod li jkunu identiċi għall-prodott approvat.

Il-frażi “approvazzjoni tat-tip ta' vettura sħiħa” tindika li l-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija skont ir-Regolamenti tan-NU applikabbli għal vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet ta' vettura huma integrati f'approvazzjoni tal-vettura sħiħa skont id-dispożizzjonijiet amministrattivi tas-sistema IWVTA.

Il-frażi “verżjoni ta' Regolament tan-NU” tindika li Regolament tan-NU, wara li jkun ġie adottat u stabbilit, jista' sussegwentement jiġi emendat skont il-proċeduri deskritti f'dan il-Ftehim, b'mod partikolari l-Artikolu 12. Ir-Regolament tan-NU mhux emendat kif ukoll ir-Regolament tan-NU, wara l-integrazzjoni ta' kwalunkwe emenda/i sussegwenti, jitqiesu bħala verżjonijiet differenti ta' dak ir-Regolament tan-NU.

Il-frażi “applikazzjoni ta' Regolament tan-NU” tindika li r-Regolament tan-NU jidħol fis-seħħ għal Parti Kontraenti. Meta jagħmlu dan, il-Partijiet Kontraenti jkollhom il-possibbiltà li jżommu l-leġislazzjoni nazzjonali/reġjoni tagħhom stess. Jekk ikunu jixtiequ, jistgħu jissostitwixxu l-leġislazzjoni nazzjonali/reġjoni tagħhom bir-rekwiżiti tar-Regolamenti tan-NU li jkunu qed japplikaw, iżda skont il-Ftehim mhumieq marbuta li jagħmlu dan. Madankollu, il-Partijiet Kontraenti għandhom jaċċettaw, bħala alternattiva għall-parti rilevanti tal-leġislazzjoni nazzjonali/reġjoni tagħhom, approvazzjonijiet tat-tip tan-NU mogħtija skont l-aktar verżjoni reċenti tar-Regolamenti tan-NU applikati fil-pajjiż/reġjun tagħhom. Id-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet Kontraenti li japplikaw Regolament tan-NU huma deskritti fid-dettall f'diversi Artikoli ta' dan il-Ftehim.

Għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tan-NU jista' jkun hemm diversi proċeduri amministrattivi alternattivi għall-approvazzjoni tat-tip. L-unika proċedura alternattiva magħrufa b'mod ġenerali u applikata f'ċerti stati membri tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa hija l-awtoċertifikazzjoni mill-manifattur, li permezz tagħha l-manifattur jiċċertifika, mingħajr ebda kontroll amministrattiv preliminari, li kull prodott imqiegħed fis-suq huwa konformi mar-Regolament tan-NU partikolari; l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti jistgħu jivverifikaw, permezz ta' kampjunar aleatorju fis-suq, li l-prodotti awtoċertifikati huma konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU partikolari.

2. Il-Kumitat Amministrattiv għandu jkun kompost mill-Partijiet Kontraenti kollha skont ir-regoli ta' proċedura stabbiliti fl-appendiċi.

Regolament tan-NU, wara li jkun ġie stabbilit skont il-proċedura indikata fl-appendiċi, għandu jiġi kkomunikat mill-Kumitat Amministrattiv lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “Segretarju Ġenerali”. Wara, kemm jista' jkun malajr, is-Segretarju Ġenerali għandu jinnotifika lill-Partijiet Kontraenti kollha b'dan ir-Regolament tan-NU.

Ir-Regolament tan-NU għandu jitqies li ġie adottat sakemm, f'perjodu ta' sitt xhur mid-data tan-notifika tiegħu mis-Segretarju Ġenerali, aktar minn wieħed minn kull ħamsa tal-Partijiet Kontraenti fid-data tan-notifika ma jkunux informaw lis-Segretarju-Ġenerali li ma jaqblux mar-Regolament tan-NU.

Ir-Regolament tan-NU għandu jkopri dawn l-oqsma:

- (a) Il-vetturi bir-roti, it-tagħmir jew l-partijiet ikkonċernati;
- (b) Ir-rekwiżiti tekniċi, li kull fejn ikun xieraq għandhom ikunu ffokati fuq il-prestazzjoni, u ma jkollhomx restrizzjonijiet mid-disinn, għandhom iqisu b'mod oġġettiv it-teknoloġiji disponibbli, l-ispejjeż u l-benefiċċji kif xieraq, u li jistgħu jinkludu xi varjanti alternattivi;
- (c) Il-metodi ta' ttestjar li permezz tagħhom għandhom jintwerew ir-rekwiżiti ta' prestazzjoni;
- (d) Il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-approvazzjoni tat-tip u r-rikonoxximent reċiproku, inkluż dispożizzjonijiet amministrattivi, kwalunkwe marki tal-approvazzjoni u l-kundizzjonijiet sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-produzzjoni;
- (e) Id-data/i li fiha/fihom jidħol fis-seħħ ir-Regolament tan-NU, inkluż id-data meta l-Partijiet Kontraenti li japplikaw jistgħu jhorġu approvazzjonijiet skont dak ir-Regolament tan-NU, u d-data (jekk differenti) minn meta dawn għandhom jaċċettaw l-approvazzjonijiet;
- (f) Dokument ta' informazzjoni li għandu jiġi pprovdut mill-manifattur.

Ir-Regolament tan-NU jista', jekk ikun meħtieġ, jinkludi referenzi għal-laboratorji akkreditati mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni li fihom għandhom jitwettqu t-testijiet tal-aċċettazzjoni tat-tipi tal-vetturi bir-roti, tagħmir jew partijiet sottomessi għall-approvazzjoni.

Minbarra r-regolamenti tan-NU msemmija hawn fuq, dan il-Ftehim jipprevedi l-istabbiliment ta' Regolament tan-NU biex jintroduċi sistema ta' Approvazzjoni tat-Tip ta' Vettura Sħiħa. Dan ir-Regolament tan-NU għandu jstabbilixxi l-ambitu, il-proċeduri amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi li jistgħu jinkludu livelli differenti ta' strettezza f'verżjoni waħda ta' dan ir-Regolament tan-NU.

Minkejja dispożizzjonijiet oħra tal-Artikolu 1 u l-Artikolu 12, Parti Kontraenti li tapplika r-Regolament tan-NU dwar l-IWVTA għandha tkun obbligata biss taċċetta dawk l-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija skont l-ogħla livell ta' strettezza tal-aħħar verżjoni tal-imsemmi Regolament tan-NU.

Dan il-Ftehim jinkludi wkoll Skedi ta' Dispożizzjonijiet Amministrattivi u Proċedurali applikabbli għar-Regolamenti tan-NU kollha annessi ma' dan il-Ftehim u għall-Partijiet Kontraenti kollha li japplikaw Regolament tan-NU wieħed jew aktar.

3. Wara li jiġi adottat Regolament tan-NU, is-Segretarju Ġenerali għandu jinnotifika dan kemm jista' jkun malajr lill-Partijiet Kontraenti kollha, u jispeċifika liema huma l-Partijiet Kontraenti li oġġezzjonaw, jew li nnotifikaw li minkejja l-qbil tagħhom ma għandhomx l-intenzjoni li jibdew japplikaw ir-Regolament tan-NU fid-data tad-dħul fis-seħħ, u li għalihom ir-Regolament tan-NU mhux se jidħol fis-seħħ.

4. Ir-Regolament tan-NU li jkun ġie adottat għandu jidħol fis-seħħ fid-data/i speċifikata/i fih bħala Regolament tan-NU anness ma' dan il-Ftehim għall-Partijiet Kontraenti kollha li ma jkunux innotifikaw in-nuqqas ta' qbil tagħhom jew l-intenzjoni tagħhom li ma japplikawhx f'dik id-data.

5. Meta tiddepożita l-istrument tal-adeżjoni tagħha, kwalunkwe Parti Kontraenti ġdida tista' tiddikjara li mhijiex se tapplika ċerti Regolamenti tan-NU li f'dak iż-żmien ikunu annessi ma' dan il-Ftehim jew li mhi se tapplika l-ebda wieħed minnhom. Jekk, f'dak iż-żmien, il-proċedura stabbilita fil-paragrafi 2, 3, u 4 ta' dan l-Artikolu tkun qiegħda tiġi applikata għal abbozz ta' Regolament tan-NU jew għal Regolament tan-NU adottat, is-Segretarju Ġenerali għandu jikkomunika dan l-abbozz jew Regolament tan-NU adottat lill-Parti Kontraenti ġdida u dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ bħala Regolament tan-NU għall-Parti Kontraenti ġdida sakemm din il-Parti Kontraenti ġdida ma tinnotifikax li ma taqbilx mar-Regolament tan-NU adottat sa sitt xhur minn meta tiddepożita l-istrument tal-adeżjoni tagħha. Is-Segretarju Ġenerali għandu jinnotifika lill-Partijiet Kontraenti kollha bid-data ta' dan id-dħul fis-seħħ. Is-Segretarju Ġenerali għandu jikkomunikalhom ukoll id-dikjarazzjonijiet kollha dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' ċerti Regolamenti tan-NU li kwalunkwe Parti Kontraenti tista' tagħmel skont it-termini ta' dan il-paragrafu.

6. Kwalunkwe Parti Kontraenti li tapplika Regolament tan-NU tista' fi kwalunkwe mument, tinnotifika lis-Segretarju Ġenerali, suġġett għal avviż formali ta' sena, bl-intenzjoni tagħha li tieqaf tapplika dak ir-Regolament tan-NU. Din innotifika għandha tiġi komunikata mis-Segretarju Ġenerali lill-Partijiet Kontraenti l-oħra.

L-approvazzjonijiet mogħtija qabel skont dak ir-Regolament tan-NU minn dik il-Parti Kontraenti għandhom jibqgħu validi sakemm ma jiġux irtirati skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4.

Jekk xi Parti Kontraenti tieqaf toħroġ approvazzjonijiet skont Regolament tan-NU din għandha:

- (a) Iżżomm sorveljanza adegwata għall-konformità tal-produzzjoni tal-prodotti li preċedement kienet inħarġitilhom approvazzjoni tat-tip;
- (b) Tiegħu l-passi neċessarji stabbiliti fl-Artikolu 4 meta tiġi mgħarrfa b'nuqqas ta' konformità minn xi Parti Kontraenti li tkompli tapplika r-Regolament tan-NU;
- (c) Tkompli tinnotifika lill-Partijiet Kontraenti l-oħra bl-irtirar tal-approvazzjonijiet, kif stipulat fl-Artikolu 5;
- (d) Tkompli tagħti estensjonijiet għal approvazzjonijiet eżistenti.

7. Kwalunkwe Parti Kontraenti li ma tapplikax Regolament tan-NU tista' fi kwalunkwe mument, tinnotifika lis-Segretarju Ġenerali li għandha l-intenzjoni li tapplikah minn dak inhar 'il quddiem, u r-Regolament tan-NU għandu jidħol fis-seħħ għal din il-Parti fis-sittin jum wara din innotifika. Is-Segretarju Ġenerali għandu jinnotifika lill-Partijiet Kontraenti kollha b'kull dħul fis-seħħ ta' Regolament tan-NU għal Parti Kontraenti ġdida effettwat skont it-termini ta' dan il-paragrafu.

8. Il-Partijiet Kontraenti li għalihom ikun fis-seħħ Regolament tan-NU għandhom, minn hawn 'il quddiem jissejħu "il-Partijiet Kontraenti li japplikaw Regolament tan-NU".

Artikolu 2

1. Kull Parti Kontraenti li tapplika Regolamenti tan-NU l-aktar permezz tal-approvazzjoni tat-tip għandha tagħti l-approvazzjonijiet tat-tip u l-marki tal-approvazzjoni deskritti fi kwalunkwe Regolament tan-NU għat-tipi ta' vetturi bir-roti, tagħmir jew partijiet inklużi fir-Regolament tan-NU, sakemm din ikollha l-kompetenza teknika u tkun issodisfata bl-arranġamenti sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-prodott mat-tip approvat. Kull Parti Kontraenti li tagħti l-approvazzjoni tat-tip għandha tiegħu l-miżuri neċessarji kif stipulati fl-Iskeda 1 annessa ma' dan il-Ftehim sabiex tivverifika li jkun saru l-arranġamenti adegwati biex jiġi żgurat li l-vetturi bir-roti, it-tagħmir u l-partijiet jiġu mmanifatturati f'konformità mat-tip approvat.
2. Kull Parti Kontraenti li toħroġ approvazzjonijiet tat-tip skont Regolament tan-NU għandha tispesifika awtorità tal-approvazzjoni għar-Regolament tan-NU. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tassumi r-responsabbiltà għall-aspetti kollha tal-approvazzjoni tat-tip skont dan ir-Regolament tan-NU. Din l-awtorità tal-approvazzjoni tista' taħtar Servizzi Tekniċi biex fisimha jwettqu t-testijiet u l-ispezzjonijiet neċessarji għall-verifika meħtieġa fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li dawn is-Servizzi Tekniċi jiġu vvalutati, iddeżinjati u nnotifikati skont ir-rekwiżiti stipulati fl-Iskeda 2 annessa ma' dan il-Ftehim.
3. L-approvazzjonijiet tat-tip, il-marki ta' approvazzjoni u l-identifikaturi għat-tipi ta' vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet għandhom jiġu speċifikati fir-Regolament tan-NU u mogħtija skont il-proċeduri stabbiliti fl-Iskedi 3 sa 5 annessi ma' dan il-Ftehim.
4. Kull Parti Kontraenti li tapplika Regolament tan-NU għandha tirrifjuta li tagħti l-approvazzjonijiet tat-tip u l-marki tal-approvazzjoni koperti fir-Regolament tan-NU jekk il-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq ma jiġux imħarsa.

Artikolu 3

1. Vetturi bir-roti, tagħmir jew partijiet li għalihom ikunu ħarġu approvazzjonijiet tat-tip minn Parti Kontraenti skont l-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu kkunsidrati li huma konformi mal-parti rilevanti tal-leġislazzjoni nazzjonali tal-Partijiet Kontraenti kollha li japplikaw l-imsemmi Regolament tan-NU.
2. Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw Regolamenti tan-NU għandhom, permezz ta' rikonoxximent reċiproku, jaċċettaw għat-tqegħid fuq is-swieq tagħhom, u suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 1, 8 u 12 kif ukoll kwalunkwe dispożizzjonijiet speċjali f'dawn ir-Regolamenti tan-NU, l-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija skont dawn ir-Regolamenti tan-NU, mingħajr ma jirrikjedju aktar ittestjar, dokumentazzjoni, ċertifikazzjoni jew immarkar dwar dawn l-approvazzjonijiet tat-tip.

Artikolu 4

1. F'każ li xi Parti Kontraenti li tapplika Regolament tan-NU ssib li ċerti vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jkollhom fuqhom marki tal-approvazzjoni maħruġa, minn waħda mill-Partijiet Kontraenti, skont ir-Regolament tan-NU msemmi ma jikkonformawx mat-tipi approvati, din għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti Kontraenti li tkun ħarġet l-approvazzjoni.

Il-Parti Kontraenti li tkun ħarġet l-approvazzjoni għandha tiegħu l-passi neċessarji biex tiżgura li n-nuqqas ta' konformità jiġi rrettifikat.

2. Meta n-nuqqas ta' konformità jkun minħabba nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tekniċi speċifikati f'Regolament tan-NU, kif imsemmija fl-Artikolu 1.2.(b), il-Parti Kontraenti li tkun ħarġet l-approvazzjoni għandha tinforma minnufih lill-Partijiet Kontraenti l-oħra b'din is-sitwazzjoni u għandha tinnotifika regolarment lill-Partijiet Kontraenti dwar il-passi li qed tiegħu, li jistgħu jinkludu, jekk ikun meħtieġ, l-irtirar tal-approvazzjoni.

Wara li jitqies l-impatt potenzjali fuq is-sikurezza tal-vetturi, il-ħarsien tal-ambjent, l-iffrankar enerġetiku jew il-prestazzjoni tat-teknoloġija ta' protezzjoni mis-serq, il-Partijiet Kontraenti jistgħu jipprojbixxu l-bejgħ u l-użu ta' tali vetturi bir-roti, tagħmir jew partijiet fit-territorju tagħhom sakemm dan in-nuqqas ta' konformità jiġi rrettifikat. F'dak il-każ, dawn il-Partijiet Kontraenti għandhom jgħarrfu lis-segretarjat tal-Kumitat Amministrattiv bil-miżuri li jkun ta' tiegħu. Għas-soluzzjoni ta' tilwim bejn il-Partijiet Kontraenti, għandha tiġi applikata l-proċedura prevista fl-Artikolu 10.4.

3. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jekk prodott mhux konformi, kif imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, ma jkunx sar konformi f'perjodu ta' tliet xhur, il-Parti Kontraenti responsabbli għall-approvazzjoni għandha tirtira l-approvazzjoni temporanjament jew b'mod permanenti. B'eċċezzjoni, dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'perjodu ta' mhux aktar minn tliet xhur sakemm Parti Kontraenti waħda jew aktar li japplikaw ir-Regolament tan-NU kkonċernat ma joġġezzjonawx. Meta l-perjodu jkun qed jiġi estiż, il-Parti Kontraenti li tkun ħarġet l-approvazzjoni għandha, fi żmien l-ewwel tliet xhur, tinnotifika lill-Partijiet Kontraenti kollha li japplikaw ir-Regolament tan-NU kkonċernat dwar l-intenzjoni tagħha li testendi l-perjodu li fih in-nuqqas ta' konformità għandu jiġi rrettifikat u tipprovdi ġustifikazzjoni għal tali estensjoni.

4. Meta n-nuqqas ta' konformità jkun minħabba nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet amministrattivi, il-marki ta' approvazzjoni, il-kundizzjonijiet għall-konformità tal-produzzjoni jew id-dokument ta' informazzjoni speċifikati f'Regolament tan-NU, kif imsemmi fl-Artikolu 1.2.(d) u 1.2.(f), il-Parti Kontraenti li tkun ħarġet l-approvazzjoni għandha tirtira l-approvazzjoni temporanjament jew b'mod permanenti jekk in-nuqqas ta' konformità ma jkunx ġie rrettifikat f'perjodu ta' sitt xhur.

5. Il-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu japplikaw ukoll fis-sitwazzjoni fejn il-Parti Kontraenti responsabbli għall-ħruġ ta' approvazzjoni nnifisha ssib li ċerti vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jkollhom fuqhom marki ta' approvazzjoni ma jkunux jikkonformaw mat-tipi approvati jew mar-rekwiżiti ta' Regolament tan-NU.

Artikolu 5

1. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni ta' kull Parti Kontraenti li tapplika Regolamenti tan-NU għandhom jibagħtu meta jintalbu mill-Partijiet Kontraenti l-oħra, lista tal-vetturi bir-roti, tagħmir jew partijiet li għalihom l-awtorità tkun irrifjutat li tagħti l-approvazzjoni jew li tkun irtirat l-approvazzjonijiet tagħhom.

2. Barra minn hekk, meta tirċievi rikjesta minn Parti Kontraenti oħra li tapplika Regolament tan-NU, l-awtorità għandha tibgħat minnufih, skont id-dispożizzjonijiet tal-Iskeda 5 annessa ma' dan il-Ftehim, lil dik il-Parti Kontraenti kopja tal-informazzjoni kollha rilevanti li fuqha tkun ibbażat id-deċizzjoni li tagħti, tirrifjuta li tagħti, jew tirtira l-approvazzjoni ta' vettura bir-roti, tagħmir jew parti skont dak ir-Regolament tan-NU.

3. Il-kopja bil-miktub tista' tiġi sostitwita b'fajl elettroniku skont l-Iskeda 5 annessa ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 6

1. L-Istati Membri tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa, il-pajjiżi li jkunu fil-Kummissjoni f'kapaċità konsultattiva skont il-paragrafu 8 tat-Termini ta' Referenza tal-Kummissjoni u l-organizzazzjonijiet għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali stabbiliti minn stati membri tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa li lilhom l-istati membri tagħhom ikunu ttrasferew setgħat fl-oqsma koperti b'dan il-Ftehim, inkluża s-setgħa li jieħdu deċizzjonijiet vinkolanti fuq l-Istati membri tagħhom, jistgħu jsiru Partijiet Kontraenti għal dan il-Ftehim.

Sabiex jiġi ddeterminat l-għadd ta' voti msemmi fl-Artikolu 1, paragrafu 2 u fl-Artikolu 12 paragrafu 2, l-organizzazzjonijiet għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali jivvotaw bl-għadd ta' voti tal-istati membri tagħhom li jkunu membri tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa.

2. L-Istati Membri tan-Nazzjonijiet Uniti li jistgħu jipparteċipaw f'ċerti attivitajiet tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa skont il-paragrafu 11 tat-Termini ta' Referenza tal-Kummissjoni u l-organizzazzjonijiet għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali ta' dawk il-pajjiżi li lilhom l-Istati Membri tagħhom ikunu ttrasferew setgħat fl-oqsma koperti b'dan il-Ftehim, inkluża s-setgħa li jieħdu deċizzjonijiet vinkolanti fuq l-Istati Membri tagħhom, jistgħu jsiru Partijiet Kontraenti għal dan il-Ftehim.

Sabiex jiġi ddeterminat l-għadd ta' voti msemmi fl-Artikolu 1 paragrafu 2 u fl-Artikolu 12 paragrafu 2, l-organizzazzjonijiet għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali jivvotaw bl-għadd ta' voti tal-istati membri tagħhom li jkunu membri tan-Nazzjonijiet Uniti.

3. L-adeżjoni ma' dan il-Ftehim mill-Partijiet Kontraenti li mhumiex Parti għall-Ftehim tal-1958 għandha titwettaq bid-depożitu ta' strument lis-Segretarju Ġenerali, wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 7

1. Dan il-Ftehim għandu jitqies li jidħol fis-seħħ disa' xhur wara d-data li fiha s-Segretarju Ġenerali jittrażmettith lill-Partijiet Kontraenti kollha għall-Ftehim tal-1958.
2. Dan il-Ftehim għandu jitqies li ma jidħolx fis-seħħ jekk ikun hemm xi oġġezzjoni mill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tal-1958 li tiġi espressa fi żmien sitt xhur wara d-data li fiha s-Segretarju Ġenerali jittrażmettith lilhom.
3. Għal kwalunkwe Parti Kontraenti ġdida li taderixxi ma' dan il-Ftehim, dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fis-sittin jum wara d-depożitu tal-istrument tal-adeżjoni.

Artikolu 8

1. Kwalunkwe Parti Kontraenti tista' tiddenunzja dan il-Ftehim billi tinnotifika lis-Segretarju Ġenerali.
2. Id-denunzja għandha tidħol fis-seħħ tnax-il xhur wara d-data li fiha s-Segretarju Ġenerali jirċievi din in-notifika.
3. Kwalunkwe approvazzjonijiet tat-tip mogħtija mill-Parti Kontraenti għandhom jibqgħu validi għal perjodu ta' tnax-il xhur wara li d-denunzja tkun daħlet fis-seħħ skont l-Artikolu 8.2.

Artikolu 9

1. Kwalunkwe Parti Kontraenti kif definit fl-Artikolu 6 ta' dan il-Ftehim tista', fil-mument tal-adeżjoni jew fi kwalunkwe ħin wara, tiddikjara permezz ta' notifika indirizzata lis-Segretarju Ġenerali li dan il-Ftehim għandu jkun estiż għat-territorji kollha jew kwalunkwe wieħed minnhom li hi tkun responsabbli għar-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom. Il-Ftehim għandu jiġi estiż għat-territorju jew territorji msemmija fin-notifika mis-sittin jum wara li s-Segretarju Ġenerali jkun irċiviha.
2. Kwalunkwe Parti Kontraenti kif definit fl-Artikolu 6 ta' dan il-Ftehim li tkun għamlet dikjarazzjoni skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu li testendi dan il-Ftehim għal kwalunkwe territorju li hi tkun responsabbli għar-relazzjonijiet internazzjonali tiegħu tista' tiddenunzja dan il-Ftehim separatament fir-rigward ta' dak it-territorju, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8.

Artikolu 10

1. Kwalunkwe tilwima bejn żewġ Partijiet Kontraenti jew aktar dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha, jekk ikun possibbli, tiġi solvuta permezz ta' negozjati bejniethom.
2. Kwalunkwe tilwima li ma tiġix solvuta bin-negozjati għandha tmur għall-arbitraġġ jekk waħda mill-Partijiet Kontraenti titlob hekk u għandha tiġi referuta lil arbitru wieħed jew aktar magħżul/a bi ftehim bejn il-Partijiet Kontraenti li bejniethom ikun hemm it-tilwima. Jekk fi żmien tliet xhur minn meta ssir it-talba għall-arbitraġġ il-Partijiet fit-tilwima ma jkunux jistgħu jaqblu fuq l-għażla ta' arbitru jew arbitri, kwalunkwe Parti tista' titlob lis-Segretarju Ġenerali biex jaħtar arbitru wieħed li t-tilwima tintbagħat lilu għal deċiżjoni.
3. Id-deċiżjoni tal-arbitru jew arbitri maħtur/a skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu tkun torbot lill-Partijiet Kontraenti li bejniethom ikun hemm it-tilwima.
4. Kwalunkwe tilwima bejn żewġ Partijiet Kontraenti jew aktar li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' Regolamenti tan-NU annessi ma' dan il-Ftehim għandha tiġi solvuta permezz ta' negozjati skont il-proċedura stipulata fl-Iskeda 6 annessa ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 11

1. Kwalunkwe Parti Kontraenti tista', fil-mument tal-adeżjoni ma' dan il-Ftehim, tiddikjara li ma tqisx lilha nfisha marbuta bil-paragrafi 1 sa 3 tal-Artikolu 10 tal-Ftehim. Il-Partijiet Kontraenti l-oħra m'għandhomx ikunu marbuta bil-paragrafi 1 sa 3 tal-Artikolu 10 fir-rigward ta' kwalunkwe Parti Kontraenti li tkun għamlet tali riżerva.

2. Kwalunkwe Parti Kontraenti li tkun għamlet riżerva kif previst fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, fi kwalunkwe ħin, tista' tirtira tali riżerva billi tinnotifika lis-Segretarju Ġenerali.
3. L-ebda riżerva oħra għal dan il-Ftehim, l-Appendiċi, l-Iskedi u r-Regolamenti tan-NU annessi miegħu ma tista' issir; iżda kwalunkwe Parti Kontraenti tista', skont it-termini tal-Artikolu 1, il-paragrafu 5, tiddikjara li hi ma għandhiex l-intenzjoni li tapplika ċerti Regolamenti tan-NU jew li hi għandha l-intenzjoni li ma tapplika l-ebda wieħed minnhom.

Artikolu 12

Ir-Regolamenti tan-NU annessi ma' dan il-Ftehim jistgħu jiġu emendati skont il-proċedura li ġejja:

1. L-emendi ta' Regolamenti tan-NU għandhom jiġu stabbiliti mill-Kumitat Amministrattiv kif deskritt fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 u skont il-proċedura indikata fl-appendiċi.

L-emenda tar-Regolament tan-NU, wara li tkun ġiet stabbilita, għandha tiġi kkomunikata mill-Kumitat Amministrattiv lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti. Mill-aktar fis possibbli wara dan, is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti għandu jagħti n-notifika ta' dan il-Ftehim lill-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament tan-NU u lis-Segretarju Ġenerali.

2. L-emenda ta' Regolament tan-NU titqies bħala adottata sakemm, fi żmien sitt xhur minn meta tiġi nnotifikata mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti, aktar minn wieħed minn kull ħamsa tal-Partijiet Kontraenti li japplikaw ir-Regolament tan-NU fi żmien in-notifika ma jkunux informaw lis-Segretarju Ġenerali li ma jaqblux ma' din l-emenda. Meta emenda ta' Regolament tan-NU tiġi adottata, is-Segretarju Ġenerali għandu mill-aktar fis possibbli jiddikjara l-emenda bħala adottata u vinkolanti fuq daww il-Partijiet Kontraenti li japplikaw ir-Regolament tan-NU.
3. L-emendi ta' Regolament tan-NU jistgħu jinkludu dispożizzjonijiet tranżizzjonali rigward id-dħul fis-seħħ tar-Regolament tan-NU emendat, id-data sa meta l-Partijiet Kontraenti għandhom jaċċettaw approvazzjonijiet skont verżjoni preċedenti tar-Regolament tan-NU u d-data minn meta l-Partijiet Kontraenti m'għandhomx ikunu obbligati jaċċettaw approvazzjonijiet tat-tip maħruġa skont verżjoni preċedenti tar-Regolament tan-NU emendat.
4. Minkejja li d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali fi kwalunkwe verżjoni ta' Regolamenti tan-NU jistgħu jkunu stipulaw mod ieħor, il-Partijiet Kontraenti għal dan il-Ftehim li japplikaw Regolamenti tan-NU jistgħu, suġġetti għall-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2, xorta waħda jōhorgu approvazzjonijiet tat-tip skont verżjonijiet preċedenti ta' Regolamenti tan-NU. Madankollu, suġġett għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw Regolament tan-NU m'għandhomx ikunu obbligati jaċċettaw approvazzjonijiet tat-tip maħruġa skont dawn il-verżjonijiet preċedenti.
5. Il-Partijiet Kontraenti kollha li japplikaw Regolament tan-NU, ħlief għall-Partijiet Kontraenti li jkunu nnotifikaw lis-Segretarju Ġenerali bl-intenzjoni tagħhom li jieqfu japplikaw ir-Regolament tan-NU, għandhom jaċċettaw l-approvazzjonijiet mogħtija skont l-aħħar verżjoni ta' dak ir-Regolament tan-NU. Parti Kontraenti li tkun innotifikat lis-Segretarju Ġenerali bl-intenzjoni tagħha li tieqaf tapplika Regolament tan-NU għandha, matul il-perjodu ta' sena msemmi fil-paragrafu 6 tal-Artikolu 1, taċċetta l-approvazzjonijiet mogħtija skont il-verżjoni(jiet) tar-Regolament tan-NU applikabbli għal dik il-Parti Kontraenti fil-mument tan-notifika tagħha lis-Segretarju Ġenerali.
6. Parti Kontraenti li tapplika Regolament tan-NU tista' tagħti approvazzjoni b'deroga skont Regolament tan-NU għal tip wieħed ta' vetturi bir-roti, tagħmir jew parti li tkun ibbażata fuq teknoloġija ġdida, meta din it-teknoloġija ġdida ma tkunx koperta bir-Regolament tan-NU eżistenti, u tkun inkompatibbli ma' wieħed jew aktar mir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament tan-NU. F'dak il-każ, il-proċeduri stipulati fl-Iskeda 7 annessa ma' dan il-Ftehim għandhom japplikaw.
7. F'każ li Parti Kontraenti ġdida taderixxi ma' dan il-Ftehim fiż-żmien ta' bejn in-notifika tal-emenda ta' xi Regolament tan-NU mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti u tad-dħul fis-seħħ tiegħu, ir-Regolament tan-NU inkwistjoni għandu jidħol fis-seħħ għal dik il-Parti Kontraenti, sakemm, f'perjodu ta' sitt xhur min-notifika ta' ađeżjoni tagħha mis-Segretarju Ġenerali, dik il-Parti ma tkunx informat lis-Segretarju Ġenerali li ma taqbilx mal-emenda.

Artikolu 13

It-test tal-Ftehim innifsu u l-appendiċi tiegħu jistgħu jiġu emendati skont il-proċedura li ġejja:

1. Kwalunkwe Parti Kontraenti tista' tipproponi emenda waħda jew iktar għal dan il-Ftehim u l-appendiċi tiegħu. It-test ta' kwalunkwe emenda proposta għal dan il-Ftehim u l-appendiċi tiegħu għandhom jiġu trażmessi lis-Segretarju Ġenerali, li għandu jittrażmettihom lill-Partijiet Kontraenti kollha u jinforma lill-pajjiżi kollha l-oħra msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 6 tiegħu.
2. Kwalunkwe emenda proposta u ċirkolata skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha titqies bħala aċċettata jekk l-ebda Parti Kontraenti ma tesprimi oġġezzjoni fi żmien disa' xhur mid-data taċ-ċirkolazzjoni tal-emenda proposta mis-Segretarju Ġenerali.
3. Is-Segretarju Ġenerali għandu, mill-aktar fis possibbli, jinnotifika lill-Partijiet Kontraenti kollha jekk tkunx ġiet espressa xi oġġezzjoni għall-emenda proposta. Jekk tkun ġiet espressa oġġezzjoni għall-emenda proposta, l-emenda titqies bħala mhux aċċettata u tkun bla ebda effett. Jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni, l-emenda għandha tidħol fis-seħħ għall-Partijiet Kontraenti kollha tliet xhur wara li jgħaddi l-perjodu ta' disa' xhur imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 13 bis

1. L-Iskedi tad-Dispożizzjonijiet Amministrattivi u Proċedurali annessi ma' dan il-Ftehim jistgħu jiġu emendati skont il-proċedura li ġejja:

- 1.1. L-emendi tal-Iskedi ta' Dispożizzjonijiet Amministrattivi u Proċedurali għandhom jiġu stabbiliti mill-Kumitat Amministrattiv kif imsemmi fl-Artikolu 1.1 u skont il-proċedura indikata fl-Artikolu 7 tal-appendiċi ta' dan il-Ftehim.
- 1.2. Emenda tal-Iskedi ta' Dispożizzjonijiet Amministrattivi u Proċedurali għandha tiġi kkomunikata mill-Kumitat Amministrattiv lis-Segretarju Ġenerali. Mill-aktar fis possibbli wara dan, is-Segretarju Ġenerali għandu jinnotifika dan il-Ftehim lill-Partijiet Kontraenti li japplikaw Regolament tan-NU wieħed jew aktar.
2. Emenda tal-Iskedi ta' Dispożizzjonijiet Amministrattivi u Proċedurali titqies li ġiet adottata jekk, f'perjodu ta' sitt xhur mid-data tan-notifika tagħha mis-Segretarju Ġenerali, ebda Parti Kontraenti li tapplika Regolament tan-NU wieħed jew aktar ma tkun informat lis-Segretarju Ġenerali li ma taqbilx mal-emenda.
3. Is-Segretarju Ġenerali għandu, mill-aktar fis possibbli, jinnotifika lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim kollha li japplikaw Regolament tan-NU wieħed jew aktar jekk tkunx ġiet espressa xi oġġezzjoni għall-emenda proposta. Jekk tkun ġiet espressa oġġezzjoni għall-emenda proposta, l-emenda għandha titqies bħala li ma ġietx aċċettata u tkun bla ebda effett. Jekk ma jkun hemm l-ebda tali oġġezzjoni, l-emenda għandha tidħol fis-seħħ għall-Partijiet Kontraenti kollha li japplikaw Regolament tan-NU wieħed jew aktar tliet xhur wara li jgħaddi l-perjodu ta' sitt xhur imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.
4. Skeda ġdida għandha titqies bħala emenda tal-Iskedi ta' Dispożizzjonijiet Amministrattivi u Proċedurali u, għalhekk, stabbilita skont l-istess proċedura kif speċifikat f'dan l-Artikolu.

Artikolu 14

1. Skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, is-Segretarju Ġenerali għandu jinnotifika lill-Partijiet Kontraenti dwar:

- (a) Adeżjonijiet skont l-Artikolu 6;
- (b) Id-dati tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim skont l-Artikolu 7;
- (c) Id-denunzji skont l-Artikolu 8;
- (d) In-notifiki rċevuti skont l-Artikolu 9;
- (e) Id-dikjarazzjonijiet u n-notifiki rċevuti skont il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 11;
- (f) Id-dħul fis-seħħ ta' kwalunkwe Regolament tan-NU ġdid u kwalunkwe emenda ta' Regolament tan-NU eżistenti skont il-paragrafi 2, 3, 5 u 7 tal-Artikolu 1, u l-paragrafu 2 tal-Artikolu 12;

- (g) Id-dħul fis-seħħ ta' kwalunkwe emenda tal-Ftehim, l-appendiċi jew tal-Iskedi ta' Dispożizzjonijiet Amministrattivi u Proċedurali tagħha skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 13 jew il-paragrafu 3 tal-Artikolu 13bis, rispettivament;
- (h) Il-waqfien ta' applikazzjoni ta' Regolamenti tan-NU mill-Partijiet Kontraenti skont il-paragrafu 6 tal-Artikolu 1.
2. Skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u l-Iskedi ta' dispożizzjonijiet Amministrattivi u Proċedurali annessi, is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti għandu jinnnotifika:
- (a) Lis-Segretarju Ġenerali u l-Partijiet Kontraenti bl-istabbiliment ta' emenda ta' Regolament tan-NU skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 12;
- (b) Lill-Partijiet Kontraenti bid-deċiżjoni tal-Kumitat Amministrattiv dwar talba għal approvazzjoni b'deroga u, sussegwentement, bl-adozzjoni tagħha skont il-paragrafu 5 tal-Iskeda 7.

Artikolu 15

1. Jekk fid-data li fiha d-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq jidħlu fis-seħħ il-proċeduri previsti fl-Artikolu 1, il-paragrafi 3 u 4 tal-verżjoni preċedenti tal-Ftehim ikunu qegħdin jiġu applikati għall-adozzjoni ta' Regolament tan-NU ġdid, dan ir-Regolament tan-NU ġdid għandu jidħol fis-seħħ skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4 ta' dak l-Artikolu.
2. Jekk fid-data li fiha d-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq jidħlu fis-seħħ, il-proċeduri previsti fl-Artikolu 12, il-paragrafu 1 tal-verżjoni preċedenti tal-Ftehim ikunu qegħdin jiġu applikati għall-adozzjoni ta' xi emenda ta' Regolament tan-NU, dik l-emenda għandha tidħol fis-seħħ skont id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Artikolu.
3. Jekk il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim kollha jaqblu, kwalunkwe Regolament tan-NU adottat skont it-termini tal-verżjoni preċedenti tal-Ftehim jista' jitqies bħallikieku kien Regolament tan-NU adottat skont it-termini tad-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq.

Artikolu 16

Dan il-Ftehim sar f'Ġinevra f'kopja waħda bl-Ingliż, bil-Franċiż u bir-Russu, b'kull test ikun ugwalment awtentiku.

APPENDIĊI

Kompożizzjoni u regoli ta' proċedura tal-Kumitat Amministrattiv*Artikolu 1*

Il-membri tal-Kumitat Amministrattiv għandhom ikunu komposti mill-Partijiet Kontraenti kollha għall-Ftehim emendat.

Artikolu 2

Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti għandu jipprovdi lill-Kumitat b'servizzi ta' segretarjat.

Artikolu 3

Il-Kumitat għandu, fl-ewwel sessjoni tiegħu ta' kull sena, jeleġġi President u viċi-President.

Artikolu 4

Is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għandu jlaqqa' l-Kumitat taħt il-patroċinju tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa kull meta jkun meħtieġ li jiġu stabbiliti Regolament ġdid tan-NU, emenda ta' Regolament tan-NU, notifika skont il-proċedura ta' approvazzjoni b'deroga għal teknoloġiji ġodda (stipulata fl-Iskeda 7) jew emenda tal-Iskedi ta' Dispożizzjonijiet Amministrattivi u Proċedurali.

Artikolu 5

Ir-Regolamenti tan-NU ġodda proposti għandhom jitqiegħdu għall-vot. Kull pajjiż, Parti Kontraenti għall-Ftehim għandu jkollhom vot wieħed. Sabiex jittieħdu d-deċiżjonijiet huwa meħtieġ kworum ta' mhux anqas minn nofs il-Partijiet Kontraenti. Sabiex jiġi ddeterminat il-kworum, l-organizzazzjonijiet għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali, bħala Partijiet Kontraenti, jivvotaw bl-għadd ta' voti tal-istati membri tagħhom. Ir-rappreżentant ta' organizzazzjoni għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali jista' jagħti l-voti tal-pajjiżi sovrani kostitwenti tagħha. L-abbozzi għal Regolamenti tan-NU ġodda għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħamsa ta' dawk preżenti li jistgħu jivvotaw.

Artikolu 6

Emendi proposti għal Regolamenti tan-NU għandhom jitqiegħdu għall-vot. Kull pajjiż, Parti Kontraenti għall-Ftehim, li jkun qiegħed japplika dan ir-Regolament tan-NU għandu jkollu vot wieħed. Sabiex jittieħdu d-deċiżjonijiet huwa meħtieġ kworum ta' mhux anqas minn nofs il-Partijiet Kontraenti li japplikaw ir-Regolament tan-NU. Sabiex jiġi ddeterminat il-kworum, l-organizzazzjonijiet għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali, bħala Partijiet Kontraenti għall-Ftehim, jivvotaw bl-għadd ta' voti tal-istati membri tagħhom. Ir-rappreżentant ta' organizzazzjoni għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali jista' jagħti l-voti ta' dawk il-pajjiżi sovrani kostitwenti tagħha li japplikaw ir-Regolament tan-NU. Abbozzi ta' emendi għar-Regolamenti tan-NU għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħamsa ta' dawk preżenti li jistgħu jivvotaw.

Artikolu 7

Emendi proposti għall-Iskedi ta' Dispożizzjonijiet Amministrattivi u Proċedurali annessi ma' dan il-Ftehim għandhom jitqiegħdu għall-votazzjoni. Kull Parti Kontraenti għall-Ftehim li tapplika Regolament tan-NU wieħed jew aktar għandu jkollha vot wieħed. Sabiex jittieħdu d-deċiżjonijiet huwa meħtieġ kworum ta' mhux anqas minn nofs il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim li japplikaw Regolament tan-NU wieħed jew aktar. Sabiex jiġi ddeterminat il-kworum, l-organizzazzjonijiet għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali, bħala Partijiet Kontraenti għall-Ftehim, jivvotaw bl-għadd ta' voti tal-istati membri tagħhom. Ir-rappreżentant ta' organizzazzjoni għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali jista' jagħti l-voti ta' dawk il-pajjiżi sovrani kostitwenti tagħha li japplikaw Regolament tan-NU wieħed jew aktar. L-abbozzi ta' emendi tal-Iskedi ta' Dispożizzjonijiet Amministrattivi u Proċedurali għandhom jiġu stabbiliti b'vot unanimu ta' dawk preżenti li jistgħu jivvotaw.

Artikolu 8

It-talba minn Parti Kontraenti għall-awtorizzazzjoni biex tagħti approvazzjoni b'deroga proposta fir-rigward ta' teknoloġiji ġodda għandha titqiegħed għall-votazzjoni. Kull Parti Kontraenti li tapplika r-Regolament tan-NU għandu jkollha vot wieħed. Sabiex jittieħdu d-deċiżjonijiet huwa meħtieġ kworum ta' mhux anqas minn nofs il-Partijiet Kontraenti li japplikaw ir-Regolament tan-NU. Sabiex jiġi ddeterminat il-kworum, l-organizzazzjonijiet għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali, bħala Partijiet Kontraenti għall-Ftehim, jivvotaw bl-għadd ta' voti tal-istati membri tagħhom. Ir-rappreżentant ta' organizzazzjoni għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali jista' jagħti l-voti ta' daww il-pajjiżi sovrani kostitwenti tagħha li japplikaw ir-Regolament tan-NU. L-awtorizzazzjoni biex tingħata approvazzjoni b'deroga lill-Parti Kontraenti msemija għandha tiġi stabbilita permezz ta' maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħamsa ta' daww preżenti li jistgħu jivvotaw.

Skedi ta' Dispożizzjonijiet Amministrattivi u Proċedurali

Dawn l-iskedi ta' Dispożizzjonijiet Amministrattivi u Proċedurali (SAPP) huma annessi mal-Ftehim tal-1958⁽¹⁾ u jispeċifikaw id-dispożizzjonijiet amministrattivi u proċedurali kollha applikabbli għar-Regolamenti tan-NU annessi mal-Ftehim tal-1958:

Skeda 1 Proċeduri tal-konformità tal-produzzjoni

Skeda 2 Valutazzjoni, deżinjazzjoni u notifika tas-Servizzi Tekniċi

Skeda 3 Proċeduri għall-approvazzjonijiet tat-tip tan-NU

Skeda 4 Numerazzjoni għall-approvazzjonijiet tat-tip tan-NU

Skeda 5 Ċirkolazzjoni tad-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni

Skeda 6 Proċeduri għas-soluzzjoni ta' kwistjonijiet ta' interpretazzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni ta' Regolamenti tan-NU u l-għoti ta' approvazzjonijiet skont dawn ir-Regolamenti tan-NU

Skeda 7 Proċedura għall-approvazzjonijiet b'deroga fir-rigward ta' teknoloġiji ġodda

Skeda 8 Kundizzjonijiet ġenerali għall-metodi ta' ttestjar virtwali

Skeda 1

Proċeduri tal-konformità tal-produzzjoni

Għanijiet

Il-proċedura tal-konformità tal-produzzjoni għandha l-għan li tiżgura li kull vettura bir-roti, tagħmir jew parti jkunu f'konformità mat-tip approvat.

Il-proċeduri jinkludu, b'mod inseparabbli, il-valutazzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni tal-kwalità, li hawn taħt tissejjaħ "valutazzjoni inizjali" u l-verifika tas-suġġett tal-approvazzjoni u l-kontrolli relatati mal-prodott, imsejja "arranġamenti tal-konformità tal-prodott".

1. Valutazzjoni inizjali

1.1. L-awtorità tal-approvazzjoni ta' Parti Kontraenti għandha tivverifika — qabel ma tagħti l-approvazzjoni tat-tip tan-NU — jekk ikunx hemm arranġamenti u proċeduri sodisfaċenti sabiex jiġi żgurat il-kontroll effettiv li l-vetturi bir-roti, it-tagħmir u l-partijiet li jkunu qed jiġu manifatturati, ikunu konformi mat-tip approvat.

1.2. Gwida għat-twettiq tal-valutazzjonijiet tinsab fl-istandard internazzjonali ISO 19011:2002 — Linji gwida għall-verifika tas-sistemi ta' ġestjoni tal-kwalità u/jew daww ambjentali.

1.3. Ir-rekwiżit tal-paragrafu 1.1 għandu jiġi verifikat għas-sodisfazzjon tal-awtorità li tkun qed tagħti l-approvazzjoni tat-tip tan-NU.

⁽¹⁾ Ftehim dwar l-Adozzjoni ta' Regolamenti Tekniċi Armonizzati tan-NU għall-Vetturi bir-Roti, it-Tagħmir u l-Partijiet li jistgħu Jintramaw u/jew Jintużaw fuq Vetturi bir-Roti u l-Kundizzjonijiet għar-Rikonossiment Reċiproku tal-Approvazzjonijiet Mogħtija Abbażi ta' dawn ir-Regolamenti tan-NU.

L-awtorità tal-approvazzjoni li tagħti approvazzjonijiet tat-tip tan-NU għandha tkun sodisfatta bil-valutazzjoni inizjali u bl-arranġamenti tal-konformità tal-prodott imsemmija fit-Taqsima 2 ta' hawn taħt, filwaqt li tqis bħala neċessarju wieħed mill-arranġamenti deskritti fil-paragrafi 1.3.1 sa 1.3.3, jew kombinazzjoni ta' daww l-arranġamenti b'mod sħiħ jew parzjali skont il-każ.

- 1.3.1. Il-valutazzjoni inizjali attwali u/jew il-verifika tal-arranġamenti tal-konformità tal-prodott għandhom jitwettqu mill-awtorità tal-approvazzjoni li tagħti l-approvazzjonijiet tat-tip tan-NU jew mis-Servizz Tekniku ddeżinjat biex jaġixxi f'isem dik l-awtorità tal-approvazzjoni.
 - 1.31.1. Filwaqt li tqis sa fejn għandha tasal il-valutazzjoni inizjali, l-awtorità tal-approvazzjoni tista' tqis l-informazzjoni disponibbli relatata ma':
 - (a) Iċ-ċertifikazzjoni tal-manifattur deskritta fil-paragrafu 1.3.3 ta' hawn taħt, li ma ġietx ikkwalifikata jew rikonoxxuta skont dak il-paragrafu;
 - (b) Fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip tan-NU ta' tagħmir jew partijiet, il-valutazzjonijiet tas-sistema tal-kwalità mwettqa mill-manifattur(i) tal-vetturi, fil-bini tal-manifattur(i) tat-tagħmir jew tal-partijiet, skont waħda jew aktar mill-ispeċifikazzjonijiet tas-settur tal-industrija li jissodisfaw ir-rekwiżiti fl-istandard internazzjonali ISO 9001:2008.
 - 1.3.2. Il-valutazzjoni inizjali attwali u/jew il-verifika tal-arranġamenti tal-konformità tal-prodott jistgħu jitwettqu wkoll mill-awtorità tal-approvazzjoni ta' Parti Kontraenti oħra, jew mis-Servizz Tekniku ddeżinjat għal dan l-għan minn din l-awtorità tal-approvazzjoni, sakemm din il-Parti Kontraenti tapplika mill-inqas l-istess Regolamenti tan-NU li fuqhom tkun ġiet ibbażata l-approvazzjoni tat-tip tan-NU.
 - 1.3.2.1 F'dak il-każ, l-awtorità tal-approvazzjoni tal-Parti Kontraenti l-oħra għandha tħejji dikjarazzjoni ta' konformità li fiha tispjega l-oqsma u l-faċilitajiet tal-produzzjoni li hi tkun kopriet bħala rilevanti għall-prodott(i) li jrid(u) jiġi/u approvat(i) għat-tip u għar-Regolamenti tan-NU li skonthom dawn il-prodotti għandhom jiġu approvati għat-tip.
 - 1.3.2.2. Meta tirċievi applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' konformità mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip ta' Parti Kontraenti li tagħti approvazzjonijiet tat-tip tan-NU, l-awtorità tal-approvazzjoni ta' Parti Kontraenti oħra għandha tibgħat minnufih id-dikjarazzjoni ta' konformità jew tavża li mhix f'pożizzjoni li ttipprovi tali dikjarazzjoni.
 - 1.3.2.3. Id-dikjarazzjoni ta' konformità għandha tinkludi tal-anqas dan li ġej:
 - (a) Il-grupp jew il-kumpanija (eż. XYZ Automotive)
 - (b) L-organizzazzjoni partikolari (eż. diviżjoni reġjonali)
 - (c) L-impjanti/siti ta' produzzjoni (eż. impjant tal-magni 1 (fil-pajjiż A) — impjant tal-vetturi 2 (fil-pajjiż B));
 - (d) Il-medda tal-Vetturi/Komponenti (eż. il-mudelli kollha tal-kategorija M₁)
 - (e) Iż-żoni vvalutati (eż. tal-assemblaġġ tal-magna, tal-ippressar u l-assemblaġġ tal-body, tal-assemblaġġ tal-vettura)
 - (f) Id-dokumenti eżaminati (eż. il-manwal u l-proċeduri ta' ġestjoni tal-kwalità tal-kumpanija u tas-sit)
 - (g) Id-data tal-valutazzjoni (eż. il-verifika twettqet bejn jj/xx/ssss u jj/xx/ssss);
 - (h) Iż-żjara ta' monitoraġġ ippjanata (eż. xx/ssss);
 - 1.3.3. L-awtorità tal-approvazzjoni tista' taċċetta wkoll iċ-ċertifikazzjoni tal-manifattur skont l-istandard internazzjonali ISO 9001:2008 (l-ambitu ta' din iċ-ċertifikazzjoni għandu jkopri l-prodott(i) li għandhom jiġu approvati) jew standard ta' akkreditament ekwivalenti li jissodisfa r-rekwiżiti tal-valutazzjoni inizjali tal-paragrafu 1.1. Il-manifattur għandu jipprovi d-dettalji taċ-ċertifikazzjoni u jimpenja ruħu li jgħarraf lill-awtorità tal-approvazzjoni bi kwalunkwe reviżjoni għall-validità jew l-ambitu li ssirilha.
 - 1.4. Għall-fini tal-Approvazzjoni tat-Tip Internazzjonali ta' Vettura Sħiħa, il-valutazzjonijiet inizjali mwettqa għall-għoti ta' approvazzjonijiet tan-NU għal tagħmir u partijiet tal-vettura ma hemmx għalfejn jiġu ripetuti, iżda għandhom jiġu kkompletati b'valutazzjoni li tkopri ż-żoni mhux koperti mill-valutazzjonijiet preċedenti, b'mod partikolari, fir-rigward tal-assemblaġġ tal-vettura sħiħa.

2. *Arranġamenti tal-konformità tal-prodott*
 - 2.1. Kull vettura, tagħmir jew parti approvata skont Regolament tan-NU anness mal-Ftehim tal-1958 għandha tiġi manifatturata b'mod li tikkonforma mat-tip approvat billi tissodisfa r-rekwiżiti ta' din l-Iskeda u tal-imsemmi Regolament tan-NU.
 - 2.2. L-awtorità tal-approvazzjoni ta' Parti Kontraenti li tagħti approvazzjonijiet tat-tip skont Regolament tan-NU anness mal-Ftehim tal-1958 għandha tivverifika jekk ikunx hemm arranġamenti adegwati u pjanijiet ta' kontroll dokumentati, li jridu jiġu miftiehma mal-manifattur għal kull approvazzjoni, biex f'intervalli speċifikati jitwettqu t-testijiet jew l-kontrolli assoċjati meħtieġa sabiex tiġi vverifikata l-konformità kontinwa mat-tip approvat, inkluż, speċifikament, fejn applikabbli, it-testijiet speċifikati fl-imsemmi Regolament tan-NU.
 - 2.3. Id-detentur tal-approvazzjoni tat-tip tan-NU għandu, b'mod partikolari:
 - 2.3.1. Jiżgura l-eżistenza u l-applikazzjoni tal-proċeduri għall-kontroll effettiv tal-konformità tal-prodotti (vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet) mat-tip approvat;
 - 2.3.2. Ikollu aċċess għat-tagħmir tal-ittestjar jew għal tagħmir xieraq ieħor meħtieġ għall-kontroll tal-konformità ma' kull tip approvat;
 - 2.3.3. Jiżgura li d-data tar-riżultati tal-ittestjar jew tal-kontrolli jkunu reġistrati u li d-dokumenti annessi jibqgħu disponibbli għal perjodu li jiġi ddeterminat bi ftehim mal-awtorità tal-approvazzjoni. Dan il-perjodu ma jistax jaqbeż l-10 snin;
 - 2.3.4. Janalizza r-riżultati ta' kull tip ta' test jew kontroll, sabiex jivverifika u jiżgura l-istabbiltà tal-karatteristiċi tal-prodott, filwaqt li jippermetti tolleranza għall-varjazzjoni tal-produzzjoni industrijali;
 - 2.3.5. Jiżgura li għal kull tip ta' prodott, mill-anqas jitwettqu l-kontrolli previsti f'din l-Iskeda u t-testijiet previsti fir-Regolamenti tan-NU applikabbli;
 - 2.3.6. Jiżgura li kull sett ta' kampjuni jew kampjuni għat-test li jagħtu evidenza ta' nuqqas ta' konformità fit-tip ta' test inkwistjoni jwasslu għal kampjunar u ttestjar ieħor. Għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa kollha biex tiġi restawrata l-konformità tal-produzzjoni korrispondenti;
3. *Arranġamenti ta' verifiki kontinwi*
 - 3.1. L-awtorità li tat l-approvazzjoni tat-tip tan-NU tista', fi kwalunkwe ħin, tivverifika l-metodi tal-kontroll tal-konformità applikati f'kull faċilità tal-produzzjoni.
 - 3.1.1. L-arranġamenti normali għandhom isiru biex tiġi mmonitorjata l-effettività kontinwa tal-proċeduri stipulati fil-paragrafi 1 u 2 (valutazzjoni inizjali u arranġamenti tal-konformità tal-prodott) ta' din l-Iskeda.
 - 3.1.1.1. L-attivitajiet ta' sorveljanza mwettqa mis-Servizzi Tekniċi (kwalifikati jew rikonnoxxuti kif meħtieġ fil-paragrafu 1.3.3) għandhom jiġu aċċettati bħala li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu 3.1.1 fir-rigward tal-proċeduri stabbiliti fil-valutazzjoni inizjali.
 - 3.1.1.2. Il-frekwenza normali tal-verifiki mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip (minbarra dawk imsemmija fil-punt 3.1.1.1) għandha tkun tali li tiżgura li l-kontrolli rilevanti applikati skont il-paragrafi 1 u 2 ta' din l-Iskeda jiġu rieżaminati f'intervalli abbażi tal-metodoloġija ta' valutazzjoni tar-riskji skont l-istandard internazzjonali ISO 31000:2009 — Ġestjoni tar-Riskji — Prinċipji u linji gwida u, fil-każijiet kollha, bi frekwenza minima ta' darba kull tliet snin. Din il-metodoloġija għandha tqis, b'mod partikolari, kwalunkwe nuqqas ta' konformità indikata mill-Partijiet Kontraenti skont l-Artikolu 4 tal-Ftehim tal-1958.
 - 3.2. F'kull rieżami, ir-rekords tat-testijiet u tal-kontrolli u r-rekords tal-produzzjoni għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ispettur; b'mod partikolari, ir-rekords ta' dawk it-testijiet jew kontrolli dokumentati kif meħtieġ fil-paragrafu 2.2.

- 3.3. L-ispettur jista' jagħżel kampjuni b'mod aleatorju biex jiġu ttestjati fil-laboratorju tal-manifattur jew fil-faċilitajiet tas-Servizz Tekniku. F'dak il-każ għandhom jitwettqu biss testijiet fiżiċi. In-numru minimu ta' kampjuni jista' jiġi ddeterminat skont ir-riżultati tal-verifika tal-manifattur stess.
- 3.4. Meta l-livell tal-kontroll jidher li mhux sodisfaċenti, jew meta jkun jidher li tkun meħtieġa verifika tal-validità tat-testijiet imwettqa b'applikazzjoni tal-paragrafu 3.2, l-ispettur għandu jagħżel il-kampjuni li jridu jintbagħtu lis-Servizz Tekniku biex iwettaq it-testijiet fiżiċi.
- 3.5. F'każijiet fejn, matul spezzjoni jew rieżami ta' monitoraġġ, joħorġu riżultati mhux sodisfaċenti, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tiżgura li jittieħdu l-passi kollha meħtieġa biex tiġi restawrata l-konformità tal-produzzjoni mill-aktar fis possibbli.

Skeda 2

L-Ewwel parti

Valutazzjoni, deżinjazzjoni u notifika tas-Servizzi Tekniċi

1. *Deżinjazzjoni tas-Servizzi Tekniċi*
 - 1.1. Meta Awtorità tal-Approvazzjoni taħtar Servizz Tekniku, dan tal-aħħar għandu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda.
 - 1.2. Is-Servizzi Tekniċi għandhom iwettqu jew jagħmlu superviżjoni tat-testijiet meħtieġa għall-approvazzjoni jew l-ispezzjonijiet speċifikati f'Regolamenti tan-NU, għajr meta jkunu speċifikament permessi proċeduri alternattivi. Huma ma jistgħux iwettqu testijiet jew spezzjonijiet li għalihom ma ġewx iddeżinjati kif dovut.

Il-prestazzjoni tas-Servizzi Tekniċi u l-kwalità tat-testijiet u tal-ispezzjonijiet li jwettqu għandhom jiżguraw li l-prodotti li għalihom tintalab l-approvazzjoni tat-tip tan-NU jiġu vverifikati għall-konformità tagħhom mar-rekwiżiti tar-Regolamenti tan-NU applikabbli li s-Servizzi Tekniċi ġew iddeżinjati għalihom.
 - 1.3. Is-Servizzi Tekniċi għandhom jiġu ddeżinjati f'waħda jew aktar minn dawn l-erba' kategoriji ta' attivitajiet, skont il-qasam ta' kompetenza tagħhom:
 - (a) Kategorija A: Servizzi Tekniċi li jwettqu t-testijiet imsemmija f'Regolamenti tan-NU fil-faċilitajiet tagħhom stess;
 - (b) Kategorija B: Servizzi Tekniċi li jagħmlu superviżjoni tat-testijiet imsemmija fir-Regolamenti tan-NU, liema testijiet jitwettqu fil-faċilitajiet tal-manifattur jew fil-faċilitajiet ta' parti terza;
 - (c) Kategorija C: Servizzi Tekniċi li jivvalutaw u jimmonitorjaw fuq bażi regolari l-proċeduri tal-manifattur għall-kontroll tal-konformità tal-produzzjoni;
 - (d) Kategorija D: Servizzi Tekniċi li jagħmlu superviżjoni jew iwettqu testijiet jew spezzjonijiet fil-qafas tas-sorveljanza tal-konformità tal-produzzjoni.
 - 1.4. Is-Servizzi Tekniċi għandhom juru ħiliet xierqa, għarfien tekniku speċifiku u esperjenza fl-oqsma speċifiċi koperti bir-Regolamenti tan-NU li huma jkunu ddeżinjati għalihom.

Barra minn hekk, is-Servizzi Tekniċi għandhom jikkonformaw mal-istandards elenkati fit-Tieni parti ta' din l-Iskeda li jkunu rilevanti għall-kategoriji ta' attivitajiet li għalihom ikunu ddeżinjati, iżda mhux neċessarjament jiġu approvati/akkreditati skont dawn l-istandards.

Is-Servizzi tekniċi għandhom jiżguraw li jkunu ħielsa minn kwalunkwe kontroll u influwenza ta' partijiet interessati li jistgħu jaffettwaw b'mod ħażin l-imparzjalità u l-kwalità ta' dawn it-testijiet u spezzjonijiet.

Is-Servizzi Tekniċi għandu jkollhom aċċess għall-faċilitajiet tal-ittestjar u l-apparati tal-kejl meħtieġa għas-superviżjoni jew it-twettiq tat-testijiet jew spezzjonijiet imsemmija fir-Regolamenti tan-NU li s-Servizzi Tekniċi ġew iddeżinjati għalihom.

- 1.5. Awtorità tal-approvazzjoni tista' taġixxi bħala Servizz Tekniku għal waħda jew aktar mill-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1.3. Meta awtorità tal-approvazzjoni li taġixxi bħala Servizz Tekniku tkun għet maħtura bil-liġi nazzjonali ta' Parti Kontraenti u tkun iffinanzjata minn din il-Parti Kontraenti, id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda jew regoli ekwivalenti għad-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 1, 2 u 3.4 ta' din l-Iskeda għandhom jiġu mħarsa. Dan japplika wkoll għas-Servizzi Tekniċi li jkunu ġew maħtura bil-liġi nazzjonali ta' Parti Kontraenti u li jkunu suġġetti għal kontroll finanzjarju u amministrattiv mill-Gvern ta' dik il-Parti Kontraenti. Ir-regoli ekwivalenti għandhom jiggarentixxu l-istess livell ta' prestazzjoni u indipendenza.
- 1.6. Minkejja l-paragrafu 3.3, il-manifattur jew ir-rappreżentant tiegħu li jaġixxi f'ismu jista' jiġi ddeżinjat bħala Servizz Tekniku għall-attivitajiet tal-kategorija A għal dawk ir-Regolamenti tan-NU li jipprevedu tali deżinjazzjoni biss. F'dan il-każ, u minkejja l-paragrafu 1.4, dan is-Servizz Tekniku għandu jiġi akkreditat skont l-istandards imsemmija fil-paragrafu 1 tat-Tieni parti ta' din l-Iskeda.
- 1.7. L-entitajiet imsemmija fil-paragrafi 1.5 u 1.6 għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1.

2. Valutazzjoni tal-ħiliet tas-Servizzi Tekniċi

- 2.1. Il-ħiliet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jintwerew permezz ta' rapport tal-valutazzjoni stabbilit minn awtorità kompetenti⁽¹⁾. Dan jista' jinkludi ċertifikat ta' akkreditazzjoni maħruġ minn entità ta' akkreditazzjoni.
- 2.2. Il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.1 għandha titwettaq skont id-dispożizzjonijiet tat-Tielet parti ta' din l-Iskeda.

Ir-rapport tal-valutazzjoni għandu jiġi rivedut wara perjodu massimu ta' tliet snin.

- 2.3. Ir-rapport tal-valutazzjoni għandu jiġi kkomunikat lis-Segretarjat tan-NU/KEE u lill-Partijiet Kontraenti fuq talba.
- 2.4. L-awtorità tal-approvazzjoni li taġixxi bħala Servizz Tekniku għandha turi konformità permezz ta' evidenza dokumentata.

Din tinkludi valutazzjoni li għandha titwettaq minn awdituri indipendenti mill-attività li tkun qed tiġi vvalutata. Dawn l-awdituri jistgħu jkunu mill-istess organizzazzjoni sakemm huma jkunu indipendenti mill-persunal li jwettaq l-attività vvalutata.

- 2.5. Il-manifattur, jew ir-rappreżentant tiegħu li jaġixxi f'ismu, iddeżinjat bħala s-Servizz Tekniku għandu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-paragrafu 2.

3. Proċeduri għan-notifika

- 3.1. Il-Partijiet kontraenti għandhom jinnotifikaw lis-segretarjat tan-NU/KEE bl-isem, l-indirizz, inkluż l-indirizz elettroniku u l-kategorija tal-attivitajiet fir-rigward ta' kull Servizz Tekniku ddeżinjat. Huma għandhom jinnotifikaw ukoll lis-Segretarjat tan-NU/KEE bi kwalunkwe modifikazzjonijiet sussegwenti għalihom.

L-att ta' notifika għandu jiddikjara r-Regolamenti tan-NU li għalihom ġew iddeżinjati s-Servizzi Tekniċi.

- 3.2. Servizz tekniku jista' jwettaq l-attivitajiet deskritti fil-paragrafu 1 għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip tan-NU biss jekk dan ikun ġie notifikat minn qabel lis-segretarjat tan-NU/KEE.
- 3.3. L-istess Servizz Tekniku jista' jiġi ddeżinjat u nnotifikat minn diversi Partijiet Kontraenti, irrispettivament mill-kategorija tal-attivitajiet li jwettaq.

⁽¹⁾ "Awtorità kompetenti" tfisser jew l-awtorità tal-approvazzjoni jew awtorità ddeżinjata, jew entità ta' akkreditazzjoni xierqa li taġixxi fisimha, rispettivament;

- 3.4. Is-segretarjat tan-NU/KEE għandu jippubblika l-lista u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tas-Servizzi Tekniċi fuq is-sit elettroniku tiegħu.

It-Tieni parti

Standards li s-Servizzi Tekniċi, imsemmija fil-paragrafi 1 sa 3.4 tal-Ewwel parti ta' din l-Iskeda, għandhom jikkonformaw magħhom

1. *L-attivitajiet ta' ttestjar għall-approvazzjoni tat-tip tan-NU, li għandhom jitwettqu skont ir-regolamenti tan-NU*
 - 1.1. Kategorija A (testijiet imwettqa fil-faċilitajiet tagħhom stess):

ISO/IEC 17025:2005 dwar ir-rekwiżiti ġenerali għall-kompetenza tal-laboratorji tal-ittestjar u tal-ikkalibrar.

Servizz Tekniku ddeżinjat għall-attivitajiet tal-kategorija A jista' jwettaq jew jagħmel superviżjoni tat-testijiet skont ir-Regolamenti tan-NU li għalihom ġie ddeżinjat, fil-faċilitajiet tal-manifattur jew tar-rappreżentant tiegħu.
 - 1.2. Kategorija B (superviżjoni ta' testijiet imwettqa fil-faċilitajiet tal-manifattur jew fil-faċilitajiet tar-rappreżentant tiegħu):

ISO/IEC 17020:2012 dwar il-kriterji ġenerali għall-operazzjoni ta' tipi differenti ta' entitajiet li jwettqu spezzjoni.

Qabel iwettaq jew jagħmel superviżjoni ta' kwalunkwe test fil-faċilitajiet ta' manifattur jew tar-rappreżentant tiegħu, is-Servizz Tekniku għandu jivverifika li l-faċilitajiet tal-ittestjar u l-apparati tal-kejl jikkonformaw mar-rekwiżiti xierqa tal-paragrafu 1.1.
2. *Attivitajiet relatati mal-Konformità tal-Produzzjoni*
 - 2.1. Kategorija C (proċedura għall-valutazzjoni inizjali u verifika ta' sorveljanza tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità tal-manifattur):

ISO/IEC 17021:2011 dwar ir-rekwiżiti għall-entitajiet li jipprovdu verifika u ċertifikazzjoni ta' sistemi tal-ġestjoni.
 - 2.2. Kategorija D (spezzjoni jew ittestjar ta' kampjuni tal-produzzjoni jew superviżjoni tagħhom):

ISO/IEC 17020:2012 dwar il-kriterji ġenerali għall-operazzjoni ta' tipi differenti ta' entitajiet li jwettqu spezzjoni.

It-Tielet parti

Proċedura għall-valutazzjoni tas-Servizzi Tekniċi

1. *Għan*
 - 1.1. Din il-parti tal-Iskeda 2 tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li bihom għandha titwettaq il-proċedura ta' valutazzjoni tas-Servizzi Tekniċi mill-awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 2 tal-Ewwel parti ta' din l-Iskeda.
 - 1.2. Dawn ir-rekwiżiti għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għas-Servizzi Tekniċi kollha, irrispettivament mill-istatus legali tagħhom (organizzazzjoni indipendenti, manifattur jew awtorità tal-approvazzjoni li taġixxi bħala Servizz Tekniku).
2. *Prinċipji ta' valutazzjoni*

Il-valutazzjoni għandha tkun karatterizzata mill-ħarsien ta' għadd ta' prinċipji:

 - (a) L-indipendenza, li hija l-bażi għall-imparzjalità u l-oġġettività tal-konklużjonijiet;
 - (b) Approċċ ibbażat fuq l-evidenza, li jggarantixxi konklużjonijiet affidabbli u riproduċibbli.

L-awdituri għandhom juru affidabbiltà u integrità, u għandhom jirrispettaw il-kunfidenzjalità u d-diskrezzjoni. Huma għandhom jirrapportaw b'mod onest u preċiż il-fatti misjuba u l-konklużjonijiet.

3. *Ħiliet tal-awditur*
 - 3.1. Il-valutazzjonijiet jistgħu jitwettqu biss minn awdituri li jkollhom l-għarfien tekniku u amministrattiv xieraq għal dawn il-finijiet.
 - 3.2. L-awdituri għandhom ikunu tħarrġu speċifikament għall-attivitajiet ta' valutazzjoni. Barra minn hekk, huma għandu jkollhom l-għarfien speċifiku tal-qasam tekniku li fih is-Servizz Tekniku se jeżerċita l-attivitajiet tiegħu.
 - 3.3. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3.1 u 3.2 ta' hawn fuq, il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.5 tal-Ewwel parti ta' din l-Iskeda għandha titwettaq minn awdituri indipendenti mill-attivitajiet li għalihom qed titwettaq il-valutazzjoni.
4. *Applikazzjoni għal deżinjazzjoni*
 - 4.1. Rappreżentant tas-Servizz Tekniku applikant, awtorizzat kif xieraq, għandu jippreżenta applikazzjoni formali lill-awtorità kompetenti. L-applikazzjoni għandha tinkludi tal-anqas dan li ġej:
 - (a) Karatteristiċi ġenerali dwar is-Servizz Tekniku, inkluż l-entità korporattiva, l-isem, l-indirizzi, l-istatus legali u r-riżorsi umani u tekniċi;
 - (b) Deskrizzjoni dettaljata li tinkludi *curriculum vitae* tal-persunal inkarigat mill-ittestjar u tal-persunal maniġerjali li turi l-ħiliet edukattivi u professjonali;
 - (c) Barra minn dan, is-Servizzi Tekniċi li jużaw metodi ta' ttestjar virtwali għandhom jipprovdu xhieda tal-abbiltà tagħhom li jaħdmu f'ambjent megħjun bil-kompjuter;
 - (d) Informazzjoni ġenerali li tikkonċerna s-Servizz Tekniku, bħall-attivitajiet tiegħu, ir-relazzjoni tiegħu fentità korporattiva akbar, jekk ikun il-każ, u l-indirizzi tal-post(ijiet) fiżiċi kollha li jridu jiġu koperti mill-ambitu tad-deżinjazzjoni;
 - (e) Qbil biex is-Servizz Tekniku jissodisfa r-rekwiżiti għad-deżinjazzjoni u l-obbligi l-oħra tiegħu kif applikabbli fir-Regolamenti tan-NU rilevanti li għalihom ikun ġie ddeżinjat;
 - (f) Deskrizzjoni tas-servizzi ta' valutazzjoni tal-konformità li s-Servizz Tekniku jimpenja ruħu għalihom fil-qafas tar-Regolamenti tan-NU applikabbli u lista tar-Regolamenti tan-NU li għalihom is-Servizz Tekniku japplika biex jinħatar, inkluż il-limiti tal-kapaċità tiegħu fejn applikabbli;
 - (g) Kopja tal-manwal ta' garanzija tal-kwalità jew tar-regoli operattivi komparabbli tas-Servizz Tekniku.
 - 4.2. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel rieżami dwar l-adegwatezza, l-informazzjoni li tingħata mis-Servizz Tekniku.
 - 4.3. Is-Servizz Tekniku għandu jinnotifika lill-awtorità tal-approvazzjoni bi kwalunkwe modifika fl-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafu 4.1.
5. *Rieżami tar-riżorsi*

L-awtorità kompetenti għandha tagħmel rieżami tal-abbiltà tagħha li twettaq il-valutazzjoni tas-Servizz Tekniku, fir-rigward tal-politika tagħha, il-kompetenza tagħha u d-disponibbiltà ta' awdituri u esperti xierqa.
6. *Sottokuntrattar tal-valutazzjoni*
 - 6.1. L-awtorità kompetenti tista' tagħti b'sottokuntratt partijiet tal-valutazzjoni lil awtorità ddeżinjata oħra jew titlob għal sostenn minn esperti tekniċi pprovduti minn awtoritajiet kompetenti oħra. Is-sottokuntratturi u l-esperti għandhom jiġu aċċettati mis-Servizz Tekniku applikant.
 - 6.2. L-awtorità kompetenti għandha tqis iċ-ċertifikati ta' akkreditazzjoni pertinenti sabiex tkun tista' tiffinalizza l-valutazzjoni globali tagħha tas-Servizz Tekniku.

7. *Preparazzjoni għall-valutazzjoni*

- 7.1. L-awtorità kompetenti għandha taħtar tim ta' valutazzjoni formalment. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li dan it-tim ikollu l-kompetenza xierqa biex iwettaq kull kompitu. B'mod partikolari, fl-intier tiegħu, it-tim:
- (a) Għandu jkollu l-għarfien xieraq dwar l-ambitu speċifiku li għalih qed tintalab id-deżinjazzjoni; u
 - (b) Għandu jkun intiż biżżejjed biex ikun jista' jagħmel valutazzjoni affidabbli tal-kompetenza tas-Servizz Tekniku li jopera fl-ambitu tad-deżinjazzjoni.
- 7.2. L-awtorità kompetenti għandha tiddefinixxi b'mod ċar il-kompitu mogħti lit-tim ta' valutazzjoni. Il-kompitu tat-tim ta' valutazzjoni hu li jeżamina d-dokumenti miġbura mis-Servizz Tekniku applikant u li jwettaq valutazzjoni fuq il-post.
- 7.3. L-awtorità kompetenti għandha taqbel, flimkien mas-Servizz tekniku u t-tim ta' valutazzjoni assenjat, dwar id-data u l-iskeda għall-valutazzjoni. Madankollu, tibqa' r-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti li tftitex data li tkun konformi mal-pjan ta' sorveljanza u rivalutazzjoni.
- 7.4. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li t-tim ta' valutazzjoni jkun fornut bid-dokumenti ta' kriterji xierqa, rekords ta' valutazzjonijiet preċedenti, u d-dokumenti u r-rekords rilevanti tas-Servizz Tekniku.

8. *Valutazzjoni fuq il-post*

It-tim ta' valutazzjoni għandu jwettaq il-valutazzjoni tas-Servizz Tekniku fuq il-post tas-Servizz Tekniku li minnu titwettaq attività ewlenija waħda jew iżjed u, fejn rilevanti, għandu jagħmel valutazzjoni ta' xhieda fuq il-post f'postijiet oħra magħżula li minnhom jopera s-Servizz Tekniku.

9. *Analiżi tas-sejbiet u rapport tal-valutazzjoni*

- 9.1. It-tim tal-valutazzjoni għandu janalizza l-informazzjoni u l-evidenza rilevanti kollha miġbura waqt ir-rieżami tad-dokumenti u r-rekords u l-valutazzjoni fuq il-post. Din l-analiżi għandha tkun suffiċjenti biex tippermetti lit-tim jiddetermina l-livell tal-kompetenza u tal-konformità tas-Servizz Tekniku mar-rekwiżiti għad-deżinjazzjoni.
- 9.2. Il-proċeduri ta' rappurtar tal-awtorità kompetenti għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti li ġejjin ikunu ssodisfati.
- 9.2.1. Għandha ssir laqgħa bejn it-tim tal-valutazzjoni u s-Servizz Tekniku qabel jitilqu minn fuq il-post. F'din il-laqgħa, it-tim tal-valutazzjoni għandu jipprovdi rapport bil-miktub u/jew orali dwar is-sejbiet miksuba mill-analiżi. Is-Servizz Tekniku għandu jingħata l-opportunità li jagħmel mistoqsijiet dwar is-sejbiet, inkluż dwar in-nuqqasijiet ta' konformità, jekk ikun il-każ, u l-bażi tagħhom.
- 9.2.2. Rapport bil-miktub dwar ir-riżultat tal-valutazzjoni għandu jiġi ppreżentat mill-ewwel lis-Servizz Tekniku. Dan ir-rapport tal-valutazzjoni għandu jinkludi kummenti dwar il-kompetenza u l-konformità, u għandu jidentifika n-nuqqasijiet ta' konformità, jekk ikun il-każ, li jridu jiġu solvuti sabiex tinżamm il-konformità mar-rekwiżiti kollha tad-deżinjazzjoni.
- 9.2.3. Is-Servizz Tekniku għandu jiġi mistieden jirrispondi għar-rapport tal-valutazzjoni u jiddeskrivi l-azzjonijiet speċifiċi meħuda jew ippanati li jittieħdu, fi żmien definit, biex kwalunkwe nuqqas ta' konformità identifikat jiġi solvut.
- 9.3. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li r-risposti tas-Servizz Tekniku jkunu effettivi u suffiċjenti biex isolvu n-nuqqasijiet ta' konformità. Jekk jinsab li r-risposti tas-Servizz Tekniku ma jkunux suffiċjenti, għandha tintalab informazzjoni ulterjuri. Barra minn hekk, tista' tintalab evidenza tal-implimentazzjoni effettiva ta' azzjonijiet meħuda, jew tista' titwettaq valutazzjoni b'segwitu biex tivverifika l-implimentazzjoni effettiva ta' azzjonijiet korrettivi.
- 9.4. Ir-rapport tal-valutazzjoni għandu jinkludi, bħala minimu:
- (a) L-identifikazzjoni unika tas-Servizz Tekniku;
 - (b) Id-data/i tal-valutazzjoni fuq il-post;
 - (c) L-isem/ismijiet tal-awditur(i) u/jew esperti involuti fil-valutazzjoni;

- (d) L-identifikazzjoni unika tal-postijiet kollha vvalutati;
 - (e) L-ambitu propost tad-deżinjazzjoni li ġiet ivvalutata;
 - (f) Dikjarazzjoni dwar l-adeqgatezza tal-organizzazzjoni interna u tal-proċeduri adottati mis-Servizz Tekniku li jixhdu l-kompetenza tiegħu, kif stabbilita permezz tal-issodisfar tar-rekwiżiti għad-deżinjazzjoni;
 - (g) L-informazzjoni dwar is-soluzzjoni tan-nuqqasijiet ta' konformità kollha;
 - (h) Rakkomandazzjoni dwar jekk l-applikant għandux jiġi ddeżinjat jew ikkonfermat bħala Servizz Tekniku u, jekk iva, l-ambitu tad-deżinjazzjoni.
10. *Għoti/ konferma tad-deżinjazzjoni*
- 10.1. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha, mingħajr dewmien żejjed, tiegħu d-deċiżjoni dwar jekk tagħtix, tikkonfermax jew testendix id-deżinjazzjoni ta' Servizz Tekniku abbażi tar-rapport(i) u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.
- 10.2. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tipprovdi ċertifikat lis-Servizz Tekniku. Dan iċ-ċertifikat għandu jidentifika dan li ġej:
- (a) L-identità u l-logo tal-awtorità tal-approvazzjoni;
 - (b) L-identità unika tas-Servizz Tekniku ddeżinjat;
 - (c) Id-data effettiva tal-għoti tad-deżinjazzjoni u d-data tal-iskadenza;
 - (d) Indikazzjoni fil-qosor jew referenza tal-ambitu tad-deżinjazzjoni (Regolamenti tan-NU applikabbli, jew partijiet minnhom);
 - (e) Dikjarazzjoni ta' konformità u referenza għal din l-Iskeda.
11. *Rivalutazzjoni u sorveljanza*
- 11.1. Ir-rivalutazzjoni hija simili għal valutazzjoni inizjali, iżda hawn trid titqies l-esperjenza miksuba waqt il-valutazzjonijiet preċedenti. Il-valutazzjonijiet ta' sorveljanza fuq il-post huma anqas estensivi mir-rivalutazzjonijiet.
- 11.2. L-awtorità kompetenti għandha tfassal il-pjan tagħha għar-rivalutazzjoni u s-sorveljanza ta' kull Servizz Tekniku ddeżinjat biex jiġu vvalutati, fuq bażi regolari, kampjuni rappreżentattivi tal-ambitu tad-deżinjazzjoni.
- L-intervall bejn il-valutazzjonijiet fuq il-post, kemm ir-rivalutazzjonijiet u kemm is-sorveljanza, jiddependi fuq l-istabbiltà b'attestazzjoni li jkun kiseb is-Servizz Tekniku.
- 11.3. Meta, waqt is-sorveljanza jew ir-rivalutazzjonijiet, jiġu identifikati xi nuqqasijiet ta' konformità, l-awtorità kompetenti għandha tiddefinixxi limiti ta' żmien stretti għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet korrettivi.
- 11.4. Meta l-azzjonijiet korrettivi jew ta' titjib ma jkunux twettqu fil-qafas ta' żmien miftiehem jew jitqiesu li mhumiex suffiċjenti, l-awtorità kompetenti għandha tadotta miżuri xierqa bħal, twettiq ta' valutazzjoni ulterjuri, is-sospensjoni/l-irtirar tad-deżinjazzjoni għal waħda jew iżjed mill-attivitàjiet li għalihom is-Servizz Tekniku ġie ddeżinjat.
- 11.5. Meta l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tissospendi jew tirtira d-deżinjazzjoni ta' Servizz Tekniku, din għandha tinformah permezz ta' ittra reġistrata, u għandha tinforma lis-segretarjat tan-NU/KEE b'dan. Fi kwalunkwe każ, l-awtorità kompetenti għandha tadotta l-miżuri kollha neċessarji biex tiżgura l-kontinwità tal-attivitàjiet diġà mibdija mis-Servizz Tekniku.
12. *Rekords dwar is-Servizzi Tekniċi ddeżinjati*
- 12.1. L-awtorità kompetenti għandha żżomm rekords dwar is-Servizzi Tekniċi biex turi li r-rekwiżiti għad-deżinjazzjoni, inkluż il-kompetenza, ġew issodisfati effettivament.

- 12.2. L-awtorità kompetenti għandha żżomm ir-rekords dwar is-Servizzi Tekniċi b'mod sikur biex tiżgura l-kunfidenzjalità.
- 12.3. Rekords dwar is-Servizzi Tekniċi għandhom jinkludu tal-anqas dan li ġej:
- (a) Korrispondenza rilevanti;
 - (b) Rekords u rapporti tal-valutazzjoni;
 - (c) Kopji taċ-ċertifikati tad-deżinjazzjoni.

Skeda 3

Proċeduri għall-approvazzjonijiet tat-tip tan-NU

1. *Applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tan-NU u l-proċedura tagħha*
- 1.1. L-applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tan-NU għandha tiġi ppreżentata lill-awtorità tal-approvazzjoni ta' Parti Kontraenti mill-manifattur jew mir-rappreżentant awtorizzat tagħhom (minn hawn' il quddiem imsejjaħ "l-applikant").
- 1.2. Applikazzjoni waħda biss tista' tiġi ppreżentata għal tip partikolari ta' vettura, tagħmir jew parti u dan jista' jsir biss f'Parti Kontraenti waħda li tapplika r-Regolamenti tan-NU skont l-approvazzjoni tat-tip tan-NU li tintalab. Għandha tiġi ppreżentata applikazzjoni separata għal kull tip li jrid jiġi approvat.
- 1.3. L-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata bl-informazzjoni kif speċifikat fir-Regolamenti tan-NU, skont l-approvazzjoni tintalab. Din l-informazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni dettaljata tal-karatteristiċi tat-tip li għandu jiġi approvat, inkluż tpinġijiet, dijagrammi u stampi, skont ma jkun meħtieġ.
- 1.4. L-awtorità tal-approvazzjoni tista', permezz ta' talba motivata, titlob lill-applikant jipprovi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa sabiex tkun tista' tittieħed deċiżjoni dwar it-testijiet tal-approvazzjoni meħtieġa jew biex jitħaffef it-tweġiq ta' dawk it-testijiet.
- 1.5. L-applikant għandu jagħmel disponibbli lill-awtorità tal-approvazzjoni l-vetturi bir-roti, it-tagħmir jew il-partijiet kollha li jkunu meħtieġa għat-tweġiq tat-testijiet li jirrikjeđu r-Regolamenti tan-NU li skonthom qed tintalab l-approvazzjoni.
- 1.6. Il-konformità mar-rekwiżiti stipulati fir-Regolamenti tan-NU għandha tiġi ppruvata permezz ta' testijiet xierqa mwettqa fuq vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jkunu rappreżentattivi tat-tip li jrid jiġi approvat.
- L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tapplika l-prinċipju ta' "l-aġar xenarju", billi, għat-test, tagħżel il-varjant jew il-verżjoni tat-tip speċifikat li tirrappreżenta t-tip li għandu jiġi approvat fl-aġar kundizzjonijiet. Id-deċiżjonijiet li jittieħdu flimkien mal-ġustifikazzjoni tagħhom għandhom jiġu rreġistrati fid-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni.
- Madankollu, l-applikant jista' jagħżel, bi qbil mal-awtorità tal-approvazzjoni, vettura, tagħmir jew parti li, minkejja li ma jkunux rappreżentattivi tat-tip li jrid jiġi approvat, jgħaqqdu flimkien għad ta' karatteristiċi mill-anqas favorevoli fir-rigward tal-livell tal-prestazzjoni meħtieġ mir-Regolamenti tan-NU (l-aġar xenarju). Biex tittieħed deċiżjoni dwar l-għażla tal-aġar xenarju, jistgħu jintużaw metodi ta' testjar virtwali.
- 1.7. It-testijiet tal-approvazzjoni għandhom jitwettqu jew jiġu ssorveljati mis-Servizzi Tekniċi. Il-proċeduri tal-ittestjar li jridu jiġu applikati u t-tagħmir u l-għodod speċifiċi li jridu jintużaw għandhom ikunu dawk speċifikati fir-Regolamenti tan-NU.
- 1.8. Bħala alternattiva għall-proċeduri tal-ittestjar imsemmija fil-paragrafi 1.6 u 1.7 ta' hawn fuq, fuq talba tal-applikant jista' jintuża ttestjar virtwali, sakemm dan ikun previst fir-Regolamenti tan-NU rilevanti u sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ġenerali kif stipulat fl-Iskeda 8 annessa mal-Ftehim tal-1958.
- 1.9. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jagħtu l-approvazzjonijiet tat-tip biss, meta tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti tal-konformità tal-produzzjoni tal-Iskeda 1 annessa mal-Ftehim tal-1958.
- 1.10. Meta t-testijiet tal-approvazzjoni jkunu wrew li t-tip huwa konformi mar-rekwiżiti tekniċi tar-Regolament tan-NU, l-approvazzjoni ta' dak it-tip għandha tingħata, għandu jiġi assenjat numru tal-approvazzjoni skont l-Iskeda 4 annessa mal-Ftehim tal-1958 u għandha tiġi assenjata marka tal-approvazzjoni lil kull tip skont id-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolament tan-NU kkonċernat.

- 1.11. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tiżgura li dawn l-elementi jkunu inklużi fid-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni:
- (a) Rekord dwar l-għażla tal-aġhar xenarju u l-ġustifikazzjoni għal dik l-għażla. Dan jista' jinkludi informazzjoni pprovduta mill-manifattur;
 - (b) Rekord ta' kwalunkwe interpretazzjoni teknika sinifikanti li ssir, tal-metodi differenti ta' ttestjar applikati, jew ta' teknoloġiji ġodda introdotti;
 - (c) Rapport tat-test mis-Servizz Tekniku li jinkludi l-valuri rreġistrati miksuba waqt il-kejl u t-testijiet meħtieġa mir-Regolament tan-NU;
 - (d) Dokumenti ta' informazzjoni mill-manifattur, li jispeċifikaw il-karatteristiċi tat-tip li jrid jiġi approvat;
 - (e) Dikjarazzjoni ta' konformità fir-rigward tal-konformità tar-rekwiżiti tal-produzzjoni fl-Iskeda 1 annessa mal-Ftehim tal-1958, li tagħti dettalji dwar liema mill-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1.3 tal-Iskeda 1 annessa mal-Ftehim tal-1958 ġew meqjusa bħala l-bażi għall-valutazzjoni inizjali kif ukoll id-data tal-valutazzjoni inizjali u kwalunkwe attività ta' sorveljanza;
 - (f) Iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip.
2. *Emendi tal-approvazzjonijiet tat-tip tan-NU*
- 2.1. Il-manifatturi li jkollhom approvazzjoni tat-tip tan-NU għall-vettura, għat-tagħmir jew għall-partijiet tagħhom għandhom jinformat mingħajr dewmien lill-Parti Kontraenti li tkun ħarġet approvazzjoni tat-tip tan-NU bi kwalunkwe bidla fil-karatteristiċi tat-tip kif ġew irreġistrati fl-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.3.
- 2.2. Il-Parti Kontraenti għandha tiddeċiedi liema waħda miż-żewġ proċeduri għall-emendar tal-approvazzjoni tat-tip tan-NU, kif stipulati fil-paragrafi 2.5 u 2.6 għandha tiġi segwita. Fejn ikun meħtieġ, il-Parti Kontraenti tista' tiddeċiedi, f'konsultazzjoni mal-manifattur, li għandu mnejn ikun meħtieġ li tinħareġ approvazzjoni tat-tip tan-NU ġdida.
- 2.3. Applikazzjoni għall-emendar ta' approvazzjoni tat-tip tan-NU tista' tiġi ppreżentata biss lill-Parti Kontraenti li tkun ħarġet l-approvazzjoni tat-tip tan-NU oriġinali.
- 2.4. Jekk il-Parti Kontraenti tqis li, għall-fini tal-emendar tal-approvazzjoni tat-tip tan-NU jkun meħtieġ li jitwettqu spezzjonijiet jew testijiet, din għandha tinforma lill-manifattur b'dan.
- 2.5. Meta l-karatteristiċi tat-tip kif irreġistrati fid-dokumenti ta' informazzjoni u r-rapporti tat-test ikunu nbidlu u l-Parti Kontraenti tqis li l-bidliet aktarx ma jkollhomx effett avvers apprezzabbli fuq il-prestazzjoni ambjentali u/jew tas-sikurezza funzjonali, u li fi kwalunkwe każ it-tip xorta għadu konformi mar-rekwiżiti tar-Regolamenti tan-NU kkonċernati, il-modifika tal-approvazzjoni tat-tip tan-NU għandha tiġi identifikata bħala "reviżjoni".
- F'każ bħal dan, il-Parti Kontraenti għandha toħroġ il-paġni riveduti tad-dokumenti ta' informazzjoni u tar-rapporti tat-test kif meħtieġ, u timmarka kull paġna riveduta biex turi b'mod ċar in-natura tal-modifika u d-data tal-ħruġ mill-ġdid. Verżjoni konsolidata aġġornata tad-dokumenti ta' informazzjoni u tar-rapporti tat-test, flimkien ma' deskrizzjoni dettaljata tal-modifika, għandha titqies li tissodisfa dan ir-rekwiżit.
- 2.6. L-emenda ta' approvazzjoni tat-tip tan-NU għandha tissejjaħ "estensjoni" jekk, minbarra l-bidla tad-data rreġistrata fid-dokumenti ta' informazzjoni:
- (a) Ikunu meħtieġa aktar spezzjonijiet jew testijiet; jew
 - (b) Tinbidel xi informazzjoni dwar id-dokument ta' komunikazzjoni (bl-eċċezzjoni ta' partijiet annessi magħha); jew
 - (c) Approvazzjoni ta' serje ta' emendi aktar tard tintalab wara d-dħul fis-seħħ tagħha, li tista' tingħata bil-kundizzjoni li r-rekwiżiti ta' serje ta' emendi aktar tard jiġu ssodisfati.
- 2.7. Il-konferma jew ir-rifjut tal-emendar tal-approvazzjoni tat-tip tan-NU, flimkien mal-ispeċifikazzjoni tal-bidliet, għandhom jiġu kkomunikati lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw ir-Regolament tan-NU permezz ta' formola ta' komunikazzjoni. Barra minn hekk, l-indiċi tad-dokumenti ta' informazzjoni u tar-rapporti tat-test, mehmuż mad-dokument ta' komunikazzjoni, għandu jiġi emendat kif meħtieġ biex jindika d-data tal-aktar reviżjoni jew estensjoni reċenti.

- 2.8. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tagħti l-estensjoni tal-approvazzjoni għandha taġġorna n-numru tal-approvazzjoni b'numru ta' estensjoni, inkrementat skont in-numru ta' estensjonijiet suċċessivi diġà mogħtija skont l-Iskeda 4 annessa mal-Ftehim tal-1958, u toħroġ il-formola ta' komunikazzjoni riveduta ddenotata b'dan in-numru ta' estensjoni.

Skeda 4

Numerazzjoni tal-approvazzjonijiet tat-tip tan-NU

1. id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tal-1958, il-Partijiet Kontraenti għandhom joħorġu numru ta' approvazzjoni tat-tip skont il-paragrafu 1.10 tal-Iskeda 3 għal kull approvazzjoni tat-tip ġdida u kull estensjoni ta' approvazzjoni bħal din.
2. Mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tal-1958 u minkejja li d-dispożizzjonijiet dwar il-marki tal-approvazzjoni fi kwalunkwe verżjoni ta' Regolamenti tan-NU jistgħu jkunu stipulaw mod ieħor, il-manifattur għandu jwajhhal marka tal-approvazzjoni, jekk mitluba, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tan-NU rilevanti, madankollu, f'dik il-marka għandu juża l-ewwel żewġ ċifri tat-Taqsima 2 u ċ-ċifri tat-Taqsima 3 tan-numru tal-approvazzjoni kif imsemmi f'din l-Iskeda bħala n-numru ta' approvazzjoni għal kull vettura bir-roti, tagħmir jew parti li lilhom tkun ingħatat approvazzjoni ġdida jew li għalihom ikunu ġew estiżi dawn l-approvazzjonijiet. Madankollu, din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika meta Regolament tan-NU jkun jeħtieġ li fil-marka tal-approvazzjoni jintuża kodiċi tal-approvazzjoni jew kodiċi tal-identifikazzjoni minflok in-numru tal-approvazzjoni. Iż-żerijiet ta' quddiem iċ-ċifri tat-Taqsima 3 jistgħu jitħallew barra.
3. Għandu jiġi assenjat numru tal-approvazzjoni għal kull tip approvat. In-numru tal-approvazzjoni tat-tip għandu jkun magħmul minn 4 taqsimiet. Kull taqsima għandha tkun separata bis-simbolu "*".

Taqsisma 1 L-ittra kapitali "E" segwita bin-numru distintiv tal-Parti Kontraenti li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip.

Taqsisma 2 In-numru tar-Regolament tan-NU rilevanti, segwit bl-ittra "R", segwiti suċċessivament b':

- (a) Żewġ ċifri (b'żerijiet fuq quddiem, kif applikabbli) li jindikaw is-serje ta' emendi li tinkorpora d-dispożizzjonijiet tekniċi tar-Regolament tan-NU applikata għall-approvazzjoni (00 għar-Regolament tan-NU fil-forma oriġinali tiegħu);
- (b) Linja mmejla u żewġ ċifri (b'żerijiet fuq quddiem, kif applikabbli) li jindikaw in-numru tas-suppliment għas-serje ta' emendi applikata għall-approvazzjoni (00 għas-serje ta' emendi fil-forma oriġinali tagħha),
- (c) Linja mmejla u karattru wieħed jew tnejn li jindikaw l-istadju ta' implimentazzjoni, jekk applikabbli.

Taqsisma 3 Numru sekwenzjali b'erba' ċifri (b'żerijiet fuq quddiem, kif applikabbli). Is-sekwenza għandha tibda minn 0001.

Taqsisma 4 Numru sekwenzjali b'żewġ ċifri (b'żerijiet fuq quddiem, jekk applikabbli) biex jindikaw l-estensjoni. Is-sekwenza għandha tibda minn 00.

Iċ-ċifri kollha għandhom ikunu ċifri Għarab.

1. L-istess Parti Kontraenti ma għandhiex tagħti l-istess numru lil approvazzjoni oħra.

Eżempji:

Eżempju tat-tieni estensjoni għar-raba' approvazzjoni tat-tip maħruġa minn Netherlands skont ir-Regolament tan-NU Nru 58 fil-verżjoni oriġinali tagħha:

E4*58R00/00*0004*02

Eżempju tal-ewwel estensjoni għall-2 439 approvazzjoni tat-tip maħruġa mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għal approvazzjoni ta' vettura skont ir-Regolament tan-NU Nru 83, it-tielet serje ta' emendi, verżjoni għal vettura tal-kategorija M, N₁ Klassi I fir-rigward tal-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu skont ir-rekwiżiti tal-fjuwil tal-magna:

E11*83R03/00J*2439*01

Skeda 5

Ċirkolazzjoni tad-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni

1. Meta awtorità tal-approvazzjoni tkun meħtieġa jew tintalab tipprovdi kopja tal-approvazzjoni u tal-hemżiet għaliha, din għandha tibgħat id-dokumenti bħala kopji stampati, jew permezz tal-posta elettronika f'format elettroniku, jew bl-użu ta' database fuq sit tal-internet sikur stabbilita mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti.
2. Id-dokumenti maħżuna fid-database fuq sit tal-internet sikur għandhom ikunu, minn tal-inqas, id-dokumenti speċifikati f'kull Regolament tan-NU. Dawn għandhom jinkludu dokumentazzjoni li tikkomunika lill-Partijiet Kontraenti l-avviż tal-approvazzjoni, tal-estensjoni, tar-rifjut jew tal-irtirar tal-approvazzjoni jew ta' produzzjoni mwaqqfa għalkollox ta' tip ta' vetturi bir-roti, tagħmir jew partijiet skont ir-Regolament tan-NU.
3. Jekk l-approvazzjonijiet tat-tip applikabbli għal vetturi bir-roti, tagħmir jew partijiet ikunu maħżuna fid-database fuq sit tal-internet sikur, il-marki tal-approvazzjoni meħtieġa mir-Regolamenti tan-NU jistgħu jiġu sostitwiti b'Identifikatur Uniku(UI) preċedut bis-simbolu UI, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fir-Regolamenti tan-NU. Dan l-identifikatur uniku għandu jiġi ġġenerat awtomatikament mid-database.
4. Il-Partijiet Kontraenti kollha li japplikaw Regolament tan-NU għandu jkollhom aċċess, billi jużaw l-Identifikatur Uniku, għall-informazzjoni dwar dak ir-Regolament tan-NU li tinsab fid-database, u dan għandu jipprovdi aċċess għall-informazzjoni rilevanti dwar l-approvazzjoni(jiet) speċifiċi.
5. Ir-Regolamenti tan-NU annessi mal-Ftehim tal-1958 jistgħu jeħtieġu ċ-ċirkolazzjoni ta' approvazzjonijiet tat-tip permezz ta' kopji elettroniċi bl-użu tad-database fuq sit tal-internet sikur, fejn dan ikun meħtieġ għall-operazzjoni effiċjenti tal-proċess tal-approvazzjoni, suġġett għal drittijiet ta' aċċess kif definit mill-Partijiet Kontraenti.

Skeda 6

Proċeduri għas-soluzzjoni ta' kwistjonijiet ta' interpretazzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni ta' Regolamenti tan-NU u l-għoti ta' approvazzjonijiet skont dawn ir-Regolamenti tan-NU

1. *Kwistjonijiet ta' interpretazzjoni, qabel ma tingħata l-approvazzjoni tat-tip tan-NU*

Meta applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tan-NU tesiġi li l-awtorità tal-approvazzjoni tagħti interpretazzjoni sinifikanti dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tan-NU, jew jekk dan jintalab mill-applikant għall-approvazzjoni, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tgħaddi l-informazzjoni lil awtoritajiet tal-approvazzjoni oħra u titlob parir mingħandhom, qabel ma tieħu deċiżjoni.

L-awtorità tal-approvazzjoni kkonċernata għandha tinnotifika lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni l-oħra li japplikaw ir-Regolament tan-NU bil-kwistjoni u bis-soluzzjoni proposta tagħhom għall-interpretazzjoni, inkluż kwalunkwe informazzjoni ta' sostenn mingħand il-manifattur. Bħala regola ġenerali, dan għandu jsir permezz ta' mezzi elettroniċi. Għandu jingħata perjodu ta' erbatax-il jum għat-tweġibiet mill-awtoritajiet l-oħra tal-approvazzjoni.

 - (a) Wara li tqis il-kummenti kollha li tirċievi, l-awtorità tal-approvazzjoni tkun tista' tagħti l-approvazzjonijiet skont l-interpretazzjoni l-ġdida.
 - (b) Jekk ma jkunx possibbli li tieħu deċiżjoni skont il-kummenti li tirċievi, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha titlob kjarifika ulterjuri permezz tal-proċedura deskritta fil-paragrafu 3 ta' hawn taħt.
2. *Kwistjonijiet ta' interpretazzjoni, wara li tingħata l-approvazzjoni tat-tip tan-NU*

F'sitwazzjonijiet fejn Partijiet Kontraenti jkollhom interpretazzjonijiet differenti, iżda wara li tkun inħarġet l-approvazzjoni, għandhom jiġu segwiti l-proċeduri li ġejjin.

L-ewwel nett, il-Partijiet Kontraenti kkonċernati għandhom jippruvaw isolvu l-kwistjoni bi ftehim reċiproku. Dan jirrikjedi kollaborazzjoni, u kull Parti Kontraenti jkollha tirrevedi l-proċeduri użati għall-ittestjar u l-approvazzjoni tal-vetturi bir-roti, tat-tagħmir u tal-partijiet li jkun s-suġġett tal-kwistjoni ta' interpretazzjoni. Għandhom jiġu applikati l-proċeduri li ġejjin:

 - (a) F'każ li awtorità tal-approvazzjoni tirrikonoxxi żball, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tieħu azzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tal-1958, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu;

- (b) Meta jintlaħaq ftehim li jkun jeħtieġ interpretazzjoni ġdida jew differenti ta' prassi eżistenti (minn kwalunkwe Parti Kontraenti), dan għandu jiġi kkomunikat lil Partijiet Kontraenti oħra li japplikaw ir-Regolament tan-NU kkonċernat bħala kwistjoni ta' urġenza. Il-Partijiet l-oħra għandhom jingħataw perjodu ta' erbatax-il jum għall-kummenti tagħhom dwar id-deċiżjoni, u mbagħad, wara li l-awtoritajiet tal-approvazzjoni jkunu qiesu l-kummenti kollha li rċeview, dawn ikunu jistgħu joħorġu approvazzjonijiet tat-tip tan-NU skont l-interpretazzjoni l-ġdida;
- (c) Meta ma jkunx jista' jintlaħaq qbil, il-Partijiet Kontraenti kkonċernati għandhom jagħmlu revizzjoni ulterjuri permezz tal-proċess ta' arbitraġġ deskritt fil-paragrafu 3 ta' hawn taħt;
- (d) Fi kwalunkwe każ, il-kwistjoni għandha tinġieb għall-attenzjoni tal-Grupp ta' Ħidma kompetenti sussidjarju tal-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Vetturi (WP. 29). Jekk jitqies meħtieġ, il-Grupp ta' Ħidma sussidjarju għandu jippreżenta proposti lid-WP.29 għal emendi regolatorji xierqa biex jissolvew il-problemi ta' interpretazzjonijiet differenti.

3. *Il-proċess ta' arbitraġġ permezz tad-WP.29 u l-Gruppi ta' Ħidma sussidjarji tiegħu*

Il-Presidenti tal-Gruppi ta' Ħidma sussidjarji għandhom jidentifikaw il-kwistjonijiet li jirriżultaw mill-interpretazzjonijiet diverġenti tal-Partijiet Kontraenti fir-rigward tal-applikazzjoni ta' Regolamenti tan-NU u l-għoti ta' approvazzjonijiet tat-tip tan-NU skont dawn ir-Regolamenti tan-NU, bil-għan li jiġu stabbiliti miżuri mill-aktar fis possibbli sabiex isolvu l-problemi ta' interpretazzjonijiet differenti.

Il-Presidenti tal-Gruppi ta' Ħidma għandhom jiżviluppaw proċeduri xierqa li jindirizzaw tali kwistjonijiet ta' interpretazzjoni, sabiex ikunu jistgħu juru lid-WP.29 li:

- (a) L-opinjoni differenti tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Partijiet Kontraenti kkonċernati jitqiesu fis-sħiħ, kif jitqiesu wkoll l-opinjoni ta' Partijiet Kontraenti oħra li japplikaw ir-Regolament tan-NU;
- (b) Id-deċiżjonijiet huma bbażati fuq pariri tekniċi xierqa, fejn jitqiesu l-aspetti kollha tas-suġġett inkonsiderazzjoni;
- (c) Kull meta jkun possibbli, tittieħed deċiżjoni unanima; u
- (d) Il-proċeduri huma trasparenti u verifikabbli.

Jekk hu neċessarju li tiġi solvuta l-kwistjoni, il-President jista' jippreżenta punt ġdid dwar il-kwistjoni għall-aġenda tal-ewwel sessjoni li jmiss tal-Grupp ta' Ħidma sussidjarju, mingħajr il-ħtieġa li jikseb l-approvazzjoni bil-quddiem tad-WP.29. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-President għandu jirrapporta dwar il-progress li jkun sar lid-WP.29 mal-ewwel opportunità possibbli.

Fi tmiem il-proċess ta' arbitraġġ, il-President għandu jipprovdi rapport lid-WP.29.

3.1 .Meta l-kwistjoni tista' tiġi solvuta fil-qafas regolatorju attwali:

L-interpretazzjoni tar-Regolament tan-NU kif adottata fil-Grupp ta' Ħidma għandha tiġi implimentata u l-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom joħorġu approvazzjonijiet tat-tip tan-NU skont dan.

3.2. Meta l-kwistjoni ma tkunx tista' tiġi solvuta fil-qafas regolatorju attwali:

Id-WP.29 għandu jiġi mgħarraf b'dan u għandu jitlob lill-Grupp ta' Ħidma sussidjarju rilevanti biex iqis din il-kwistjoni bħala punt ta' prijorità fis-sessjoni li jkun imiss tiegħu. L-aġenda tas-sessjoni għandha tiġi emendata skont dan.

Il-Grupp ta' Ħidma sussidjarju għandu jqis kwalunkwe proposta dwar il-kwistjoni tal-interpretazzjoni u għandu jippreżenta proposti formali lid-WP.29 għall-emendar tar-Regolament tan-NU kkonċernat skont il-proċeduri normali. Id-WP.29 għandu jqis din il-kwistjoni bħala punt ta' prijorità fis-sessjoni li jkun imiss tiegħu.

Skeda 7

Proċedura għall-approvazzjonijiet b'deroga fir-rigward ta' teknoloġiji ġodda

1. Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw Regolament tan-NU jistgħu, meta ssir applikazzjoni mill-manifattur, jagħtu approvazzjoni b'deroga skont ir-Regolament tan-NU fir-rigward ta' vettura, tagħmir jew parti li tinkorpora teknoloġiji li jkunu inkompatibbli ma' wieħed jew aktar mir-ekwiżiti ta' dak ir-Regolament tan-NU, suġġett għall-għoti ta' awtorizzazzjoni mill-Kumitat Amministrattiv tal-Ftehim tal-1958 skont il-proċedura deskritta fil-paragrafi 2 sa 12 ta' din l-skeda.

2. Sakemm tittieħed deċiżjoni dwar jekk tingħatax l-awtorizzazzjoni għal tali approvazzjoni b'deroga, il-Parti Kontraenti li tapplika r-Regolament tan-NU tista' tagħti approvazzjoni proviżorja lit-territorju tagħha biss. Partijiet Kontraenti oħra li japplikaw dak ir-Regolament tan-NU jistgħu jiddeċiedu li jaċċettaw din l-approvazzjoni proviżorja fit-territorju tagħhom.
3. Il-Parti Kontraenti li tagħti l-approvazzjoni proviżorja msemmija fil-paragrafu 2 ta' din l-Iskeda għandha tinnotifika lill-Kumitat Amministrattiv bid-deċiżjoni tagħha u tippreżenta fajl b'dan li ġej:
 - (a) Ir-raġunijiet għaliex it-teknoloġiji jew il-kunċett ikkonċernati jagħmlu l-vettura, it-tagħmir jew il-parti inkompatibbli mar-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU;
 - (b) Deskrizzjoni tal-konsiderazzjonijiet ambjentali, ta' sikurezza jew konsiderazzjonijiet oħra, u tal-miżuri meħuda;
 - (c) Deskrizzjoni tat-testijiet u r-riżultati, li juru li, imqabbel mar-rekwiżiti li għalihom qed tintalab id-deroga, huwa żgurat livell ta' sikurezza u ta' protezzjoni ambjentali li huwa mill-inqas ekwivalenti;
 - (d) Talba għall-awtorizzazzjoni biex tingħata approvazzjoni b'deroga għar-Regolament tan-NU għat-tip ta' vettura, tagħmir jew parti.
4. Il-Kumitat Amministrattiv għandu jqis in-notifika sħiħa msemmija fil-paragrafu 3 ta' din l-Iskeda fis-sessjoni li jmiss tiegħu wara li jirċievi n-notifika, sakemm din in-notifika tkun waslet mill-inqas tliet xhur qabel is-sessjoni. Wara li jqis in-notifika, il-Kumitat Amministrattiv jista' jiddeċiedi li jawtorizza jew jirrifjuta l-għoti tal-approvazzjoni b'deroga jew li jirreferi l-kwistjoni lill-Grupp ta' Ħidma sussidjarju kompetenti.
5. Id-deċiżjoni tal-Kumitat Amministrattiv għandha tiġi stabbilita skont il-proċedura indikata fl-Artikolu 8 tal-Appendiċi.
6. L-approvazzjoni b'deroga mitluba skont ir-Regolament tan-NU, imsemmija fil-paragrafu 3 ta' din l-Iskeda, għandha titqies li tkun awtorizzata sakemm, f'perjodu ta' xahar minn meta s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti jiġi nnotifikat bid-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv, aktar minn wieħed minn kull ħamsa tal-Partijiet Kontraenti li japplikaw ir-Regolament tan-NU fi żmien in-notifika ma jkunux infurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti li ma jaqblux mal-awtorizzazzjoni tal-approvazzjoni b'deroga.
7. Meta tiġi adottata l-awtorizzazzjoni għall-għoti tal-approvazzjoni b'deroga, is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti għandu, mill-aktar fis possibbli, jinnotifika b'din l-adozzjoni lill-Partijiet Kontraenti li japplikaw ir-Regolament tan-NU kkonċernat.

Mid-data ta' dik in-notifika, il-Parti Kontraenti msemmija fil-paragrafu 3 ta' din l-Iskeda tista' mbagħad tagħti l-approvazzjoni b'deroga skont ir-Regolament tan-NU. L-approvazzjoni b'deroga għandha tiġi aċċettata mill-Partijiet Kontraenti li japplikaw ir-Regolament tan-NU, bl-eċċezzjoni ta' dawk li jkunu nnotifikaw in-nuqqas ta' qbil tagħhom, jew l-intenzjoni tagħhom li ma jaċċettawx l-approvazzjoni b'deroga immedjatament, lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Partijiet Kontraenti li jkunu nnotifikaw in-nuqqas ta' qbil tagħhom, jew l-intenzjoni tagħhom li ma jaċċettawx l-approvazzjoni b'deroga immedjatament, jistgħu, bl-awtorizzazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv, jaċċettaw l-approvazzjoni b'deroga f'data aktar tard billi jinnotifikaw id-deċiżjoni tagħhom lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti.

8. Fid-deċiżjoni tal-awtorizzazzjoni, il-Kumitat Amministrattiv għandu jispeċifika kwalunkwe restrizzjoni. Il-limiti ta' żmien ma għandhomx ikunu inqas minn sitta u tletin xahar. Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament tan-NU għandhom jaċċettaw l-approvazzjoni b'deroga tal-anqas sakemm jiskadi l-limitu ta' żmien, jekk ikun hemm, jew, meta r-Regolament tan-NU inkwistjoni jiġi emendat sussegwentement skont il-paragrafi 9 u 10 ta' din l-Iskeda sabiex titqies it-teknoloġija koperta mill-approvazzjoni b'deroga, sad-data li minnha l-Partijiet Kontraenti jistgħu jirrifjutaw l-approvazzjonijiet tal-verżjoni preċedenti tar-Regolament tan-NU, skont liema minn dawn iż-żewġ dati tiġi l-ewwel.

Il-Parti Kontraenti awtorizzata biex tagħti l-approvazzjoni b'deroga għandha tiżgura li l-manifattur jikkonforma bis-sħiħ mar-restrizzjonijiet kollha assoċjati ma' din l-approvazzjoni u li l-formola ta' komunikazzjoni tindika b'mod ċar li hija bbażata fuq deroga awtorizzata mill-Kumitat Amministrattiv.

9. Il-Kumitat Amministrattiv għandu fl-istess ħin jinforma lill-Grupp ta' Ħidma sussidjarju responsabbli għar-Regolament tan-NU dwar l-awtorizzazzjoni li tingħata l-approvazzjoni b'deroga.

Il-Parti Kontraenti awtorizzata biex tagħti l-approvazzjoni b'deroga għandha tippreżenta lill-Grupp ta' Ħidma sussidjarju responsabbli mir-Regolament tan-NU proposta għall-emendar tar-Regolament tan-NU li għalih intalbet l-approvazzjoni b'deroga, sabiex dan jiġi adattat għall-iżvilupp teknoloġiku. Din il-preżentazzjoni għandha ssir mhux aktar tard mis-sessjoni li jmiss tal-Grupp ta' Ħidma sussidjarju ta' wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv skont il-paragrafu 6 ta' din l-Iskeda.

10. Hekk kif ir-Regolament tan-NU jiġi emendat biex jitqies l-iżvilupp teknoloġiku li għalih tkun ingħatat l-approvazzjoni b'deroga, u jidħol fis-seħħ, il-manifattur għandu jkun awtorizzat biex japplika għall-approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolament tan-NU emendat, b'sostituzzjoni tal-approvazzjoni b'deroga mogħtija qabel għal dak ir-Regolament tan-NU. L-awtorità tal-approvazzjoni li tagħti dik l-approvazzjoni tat-tip għandha, kemm jista' jkun malajr, tirtira l-approvazzjoni b'deroga jew tinforma lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni b'deroga li din l-approvazzjoni b'deroga għandha tiġi rtirata.
11. Jekk il-proċedura tal-emendar tar-Regolament tan-NU ma titlestix qabel jiskadi l-limitu ta' żmien definit fil-paragrafu 8 ta' din l-Iskeda, il-validità tal-approvazzjoni b'deroga tista' tiġi estiża, fuq talba tal-Parti Kontraenti li tkun tat l-approvazzjoni b'deroga, suġġett għal deċiżjoni li tiġi adottata skont il-proċedura deskritta fil-paragrafi 2 u 3 ta' din l-Iskeda. Jekk, madankollu, il-Parti Kontraenti li tkun għet awtorizzata tagħti l-approvazzjoni b'deroga tonqos milli tippreżenta proposta għall-emendar tar-Regolament tan-NU qabel l-iskadenza speċifikata fil-paragrafu 9 ta' din l-Iskeda, dik il-Parti Kontraenti għandha minnufih tirtira din l-approvazzjoni b'deroga, fejn iżda għandha tqis il-limitu ta' żmien kif definit fil-paragrafu 8 ta' din l-Iskeda. Il-Parti Kontraenti li tkun irtirat l-approvazzjoni b'deroga għandha tinforma lill-Kumitat Amministrattiv b'dan fis-sessjoni li jmiss tiegħu.
12. Jekk il-Kumitat Amministrattiv jiddeċiedi li jirrifjuta awtorizzazzjoni għall-għoti ta' approvazzjoni b'deroga, il-Parti Kontraenti li tkun ħarġet l-approvazzjoni proviżorja msemmija fil-paragrafu 2 ta' din l-Iskeda tista' tirtira din l-approvazzjoni proviżorja. F'dan il-każ, dik il-Parti Kontraenti għandha tinnotifika minnufih lid-detentur tal-approvazzjoni proviżorja li din l-approvazzjoni proviżorja, mogħtija skont il-paragrafu 2 ta' din l-Iskeda, tkun ser tiġi rtirata sitt xhur wara d-data tad-deċiżjoni, fejn jitqies ukoll li l-approvazzjoni proviżorja għandha tkun valida mill-inqas għal tnax-il xahar mid-data tal-għoti tagħha.

Skeda 8

Kundizzjonijiet ġenerali għall-metodi ta' ttestjar virtwali

1. Skema ta' test virtwali

L-iskema li ġejja għandha tintuża bħala struttura bażika għad-deskrizzjoni u t-tweqqiq tal-ittestjar virtwali:

- (a) Għan;
- (b) Mudell tal-istruttura;
- (c) Kundizzjonijiet tal-limiti;
- (d) Suppożizzjonijiet ta' tagħbija;
- (e) Kalkolu;
- (f) Valutazzjoni;
- (g) Dokumentazzjoni.

2. Prinċipji ewlenin ta' simulazzjoni u kalkolu bil-kompjuter

2.1. Mudell matematiku

Il-mudell matematiku għandu jiġi pprovdut mill-manifattur. Dan għandu jirrifletti l-kumplessità tal-istruttura tal-vettura bir-roti, tat-tagħmir u tal-partijiet li jkunu se jiġu ttestjati skont ir-reqwiżiti tar-Regolament tan-NU kkonċernat u l-kundizzjonijiet tal-limiti tiegħu.

L-istess dispożizzjonijiet għandhom japplikaw, mutatis mutandis, għall-ittestjar ta' komponenti indipendenti mill-vettura.

1.1. Proċess ta' validazzjoni tal-mudell matematiku

Il-mudell matematiku għandu jiġi vvalidat b'paragun mal-kundizzjonijiet tat-test attwali.

Għal dan il-għan, għandu jitwettaq test fiżiku kif xieraq sabiex ir-riżultati miksuba meta jintuża l-mudell matematiku jkunu jistgħu jiġu pparagunati mar-riżultati ta' test fiżiku. Il-komparabbiltà tar-riżultati tat-test għandha tiġi ppruvata. Il-manifattur jew is-Servizz Tekniku għandu jfassal ir-rapport tal-validazzjoni u jippreżentah lill-awtorità tal-approvazzjoni.

Kwalunke bidla li ssir lill-mudell matematiku jew lis-software li x'aktarx tinvalida r-rapport tal-validazzjoni għandha titressaq għall-attenzjoni tal-awtorità tal-approvazzjoni li tista' tesiġi li jitwettaq proċess ta' validazzjoni ġdid.

2.3 Dokumentazzjoni

Id-data u l-għodod awżiljarji użati għas-simulazzjoni u l-kalkolu għandhom ikunu disponibbli mill-manifattur u jiġu dokumentati kif meħtieġ għas-servizz tekniku.

3. *Għodod u sostenn*

Fuq talba tal-awtorità tal-approvazzjoni jew tas-Servizz Tekniku, il-manifattur għandu jforni jew jipprovdi aċċess għall-għodod neċessarji, inkluż is-software xieraq.

Barra minn hekk, il-manifattur għandu jipprovdi sostenn xieraq lill-awtorità tal-approvazzjoni jew lis-Servizz Tekniku.

L-għoti tal-aċċess u sostenn lil Servizz Tekniku ma jneħħix l-obbligi tas-Servizz Tekniku fir-rigward tal-ħiliet tal-persunal tiegħu, tal-ħlas tad-drittijiet tal-liċenzja u tar-rispett tal-kunfidenzjalità.
